2024/2415

13.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2415

tat-12 ta' Settembru 2024

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fil-11 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Din ippubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2023 minn ICL Europe U.A., Lanxess Deutschland GmbH u PCC Rokita S.A. ("l-ilmentaturi"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil (alkyl phosphate esters, "APE") fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(3) Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni antisussidji separata dwar l-importazzjonijiet tal-esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw miċ-Ċina billi ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

1.2. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fit-13 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet sommarju tad-dazji proposti u dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni ("divulgazzjoni minn qabel"). Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien tlett ijiem tax-xogħol.

(5) Il-produtturi esportaturi Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Co., Ltd., Shandong Yarong Chemical Co., Ltd., Zhejiang Wansheng Co., Ltd., in-negozjanti Impag AG u ProChema GmbH, u l-utenti Purinova Sp. z o.o., Rytm-L Sp. z o.o., u Stepan Deutschland u Stepan Netherlands bagħtu kummenti dwar id-divulgazzjoni minn qabel. Il-kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli wara d-divulgazzjoni minn qabel ġew miġbura fil-qosor fil-premessi minn (513) sa (521) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1064 ([4]) ("ir-Regolament proviżorju"). Il-kummenti l-oħra sottomessi waqt id-divulgazzjoni minn qabel inġabru fil-qosor u twieġbu hawn taħt.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/2020-08-11.
([2]) ĠU C 282, 11.8.2023, p. 4.
([3]) ĠU C, C/2023/1567, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1567/oj.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1064 tad-9 ta' April 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/1064, 10.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1064/oj).

(6) Fil-11 ta' April 2024, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz tar-Regolament proviżorju.

1.3. **Proċedura sussegwenti**

(7) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("divulgazzjoni proviżorja"), il-partijiet li ġejjin ippreżentaw kummenti dwar is-sejbiet proviżorji sal-iskadenza prevista mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju:

— l-ilmentaturi;

— il-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun Anhui RunYue u Shandong Yarong;

— il-produttur esportatur Ċiniż mhux fil-kampjun Zhejiang Wansheng;

— il-Federazzjoni tal-Industrija Petrokimika u Kimika taċ-Ċina (China Petrochemical and Chemical Industry Federation, "CPCIF");

— l-importaturi Quimidroga u Shekoy Chemicals Europe; kif ukoll

— l-utenti Kingspan, PolyChem, Purinova, u Systemhouse.

(8) Xi kummenti addizzjonali mill-ilmentaturi, kif ukoll mingħand Quimidroga u Kingspan dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għad-divulgazzjoni tas-sejbiet proviżorji, ġew sottomessi wara l-iskadenza għal tali kummenti. Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat dawn il-kummenti għas-sejbiet definittivi tal-investigazzjoni.

(9) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saru seduti ta' smigħ mal-importatur Shekoy Chemicals Europe; il-produttur esportatur Ċiniż inkluż fil-kampjun Shandong Yarong u l-importatur mhux relatat Quimidroga.

(10) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti preżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet proviżorji tagħha meta kien xieraq.

(11) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li matulu setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(12) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw ukoll din l-opportunità. Saru seduti ta' smigħ ma' Anhui RunYue u Quimidroga.

1.4. **Kampjunar**

(13) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjunar. Għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (9) sa (20) tar-Regolament proviżorju, u l-kampjun tal-akbar tliet produtturi esportaturi li kkooperaw f'termini ta' kwantità ta' esportazzjoni, ġew ikkonfermati.

1.5. **Eżami individwali**

(14) Fil-premessa (21) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni nnotat li żewġ produtturi esportaturi, Zhejiang Wansheng Co. ("Zhejiang Wansheng"), u Futong Chemical Co. ("Futong Chemical"), kienu talbu eżami individwali billi rritornaw kwestjonarju fi żmien xieraq.

(15) Fil-premessi (22) u (23) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ddikjarat li d-deċiżjoni tagħha rigward dawn it-talbiet se ssir f'dan l-istadju definittiv.

(16) Fil-kummenti tagħha wara l-miżuri proviżorji, Zhejiang Wansheng reġgħet talbet eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

(17) Il-kumpanija stabbiliet ir-raġunijiet tagħha għaliex hija differenti mit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun abbażi tal-klijenti tagħha, l-istorja tal-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni, u x-xiri tagħha ta' materja prima minn barra ċ-Ċina.

(18) Il-kumpanija ddikjarat ukoll li l-Kummissjoni hija intitolata li taċċetta t-talba tagħha għal eżami individwali u ma taċċettax l-affermazzjoni tal-produttur esportatur l-ieħor, Futong Chemical.

(19) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrifjuta ż-żewġ talbiet għal eżami individwali peress li dan kien ikun ta' piż bla bżonn f'din l-investigazzjoni u jipprevjeni t-tlestija tal-investigazzjoni fi żmien xieraq minħabba li l-kampjun diġà fih tliet produtturi esportaturi Ċiniżi u jirrappreżenta l-akbar kwantità ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li tista' tiġi investigata fiż-żmien disponibbli. Zhejiang Wansheng kien grupp kbir ta' kumpaniji, u ż-żieda tiegħu mal-kampjun effettivament kapaċi tirdoppja l-għadd ta' kumpaniji li għandhom jiġu spezzjonati.

(20) Xejn fil-kummenti minn Zhejiang Wansheng ma jbiddel din il-konklużjoni u kif stabbilit fil-premessa (19) tar-Regolament proviżorju, il-kumpanija ma ġietx miżjuda mal-kampjun peress li dan kien ikun ta' piż bla bżonn.

(21) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand Futong Chemical wara d-divulgazzjoni proviżorja.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(22) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, saret żjara ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-utent Kingspan ibbażat f'Girona, Spanja.

(23) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, żewġ utenti oħra ppreżentaw ruħhom u bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju, Nestaan Holland BV u Purinova. Peress li dawn it-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu f'aktar minn 7 xhur wara l-iskadenza stabbilita fit-Taqsima 5.5 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed żmien biex tivverifika dawn it-tweġibiet.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

(24) Il-premessa (30) tar-Regolament proviżorju stipulat id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-prodott taħt investigazzjoni huwa ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil ("APE", alkyl phosphate esters), li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċi NM ex 2919 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 2919 90 00 50 u 2919 90 00 65) u l-kodiċi NM ex 3824 99 92 (il-kodiċi TARIC 3824 99 92 38).

(25) L-APE huma definiti bħala ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil ibbażati esklużivament fuq ktajjen laterali b'tul ta' żewġ jew tliet atomi tal-karbonju (inkluż ukoll ktajjen tal-alkil klorurat) u b'kontenut ta' fosforu ta' mill-inqas 9 % (skont il-piż) u b'viskożità ta' bejn 1 u 100 mPa s (f'temperatura ta' 20-25 °C) li jaqgħu taħt in-numri tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi ("CAS", Chemical Abstracts Service) 13674-84-5, 1244733-77-4 u 78-40-0.

(26) L-APE ikopru żewġ tipi ta' prodotti, il-fosfat tat-tris (2-kloro-1-metiletil) ("TCPP") u l-fosfat tat-trietil ("TEP"). L-APE jintużaw b'mod komuni bħala ritardant tal-fjammi f'fowms riġidi u flessibbli.

(27) Fir-rigward tal-ambitu tal-prodott, bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Shandong Yarong, l-assoċjazzjoni Ċiniża CPCIF, li kellu s-setgħa li jirrappreżenta sitt produtturi esportaturi Ċiniżi tal-esteri tal-fosfat tal-alkil, inkluż it-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, iż-żewġ importaturi Quimidroga u Shekoy Europe, u ż-żewġ utenti Kingspan u Purinova tennew it-talba tagħhom biex it-TEP jiġi esklużż mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni, kif stabbilit fil-premessi minn (36) sa (49) tar-Regolament proviżorju. Dawn il-partijiet tennew l-affermazzjoni li t-TCPP u t-TEP huma differenti fil-proċess tal-produzzjoni u fil-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tagħhom, għandhom użi differenti u mhumiex interkambjabbli.

(28) L-ilmentaturi, min-naħa tagħhom, irrikonoxxew li t-TCPP u t-TEP mhumiex identiċi, iżda li huma l-uniċi żewġ tipi ta' prodotti li jidħlu fid-definizzjoni oġġettiva tal-prodott taħt investigazzjoni, li kienet ibbażata fuq il-fatt li jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, bl-użu ta' materja prima simili li tgħaddi minn proċess ta' produzzjoni simili, li għandhom l-istess użi u l-istess kanali ta' distribuzzjoni u li jikkompetu fl-istess suq.

(29) Shandong Yarong, is-CPCIF, Quimidroga, Shekoy Europe, Kingspan u Purinova argumentaw li t-TCPP u t-TEP għandhom struttura molekulari u karatteristiċi kimiċi differenti u għalhekk ma għandhomx karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi essenzjali simili. Is-CPCIF, Shandong Yarong, Quimidroga u Purinova stabbilew li ż-żewġ tipi ta' prodotti huma parti minn gruppi distinti ta' esteri, peress li t-TCPP huwa organofosfat klorurat/aloġenat, filwaqt li t-TEP huwa organofosfat mhux klorurat/mingħajr aloġeni. Il-preżenza tal-kloru taffettwa l-karatteristiċi kumplessivi tal-prodott, inklużi l-punt tat-togħlija, il-viskożità, id-densità u l-impatt ambjentali tiegħu.

(30) Shandong Yarong u Quimidroga qiesu li d-definizzjoni tal-prodott ġiet abbozzata b'mod formalistiku biex tinkludi kemm lit-TCPP kif ukoll lit-TEP, filwaqt li minbarra l-kontenut tal-fosforu, il-kontenut tal-kloru tat-TCPP huwa komponent kostitwenti bħala ritardant tal-fjammi u kellu jiġi inkluż fid-definizzjoni tal-prodott. Kingspan argumenta li d-definizzjoni tal-prodott kienet arbitrarja u fformulata b'tali mod li tkopri biss lit-TCPP u lit-TEP, bl-esklużjoni ta' ritardanti tal-fjammi u fosfati oħra li jistgħu jintużaw fil-fowms tal-poliuretan ("PUR") jew tal-polisoċjanurat ("PIR") għall-ebda raġuni oġġettiva.

(31) L-ilmentaturi argumentaw li l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq jinjoraw ir-realtà u d-dinamika tas-suq u li l-ebda ritardanti tal-fjammi jew fosfati oħra ma jkunu jistgħu jissostitwixxu t-TCPP bħat-TEP għall-użi ewlenin tiegħu. Filwaqt li rrikonoxxew li l-użu tat-TEP minflok it-TCPP mhuwiex awtomatiku fil-każijiet kollha, l-ilmentaturi argumentaw li l-produtturi tal-fowm PUR u PIR diġà qed jużaw it-TEP bħala sostitut għat-TCPP, kif indikat lilhom minn utenti bħal BASF u Kingspan.

(32) Kif stabbilit fil-premessi (31), (32) u (44) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li t-TCPP u t-TEP mhumiex tipi ta' prodotti identiċi minħabba li l-istruttura molekulari u ċerti karatteristiċi kimiċi tat-TCPP u tat-TEP ivarjaw, iżda li t-tnejn li huma jikkondividu karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi essenzjali simili. Għalhekk, huma meqjusa li huma prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Skont it-tali dispożizzjoni, prodott simili jista' jkun prodott identiku jew prodott b'karatteristiċi li jixbhu ħafna lil dawk tal-prodott taħt investigazzjoni. It-TCPP u t-TEP għandhom karatteristiċi simili ħafna, peress li t-tnejn huma esteri tal-fosfat tal-alkil ibbażati esklużivament fuq ktajjen laterali b'tul ta' żewġ jew tliet atomi tal-karbonju (inkluż ukoll ktajjen tal-alkil klorurat) u b'kontenut ta' fosforu ta' mill-inqas 9 % (skont il-piż) u b'viskożità ta' bejn 1 u 100 mPa s (f'temperatura ta' 20-25 °C), u t-tnejn li huma jistgħu jintużaw bħala ritardanti tal-fjammi f'fowms riġidi.

(33) Il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni dwar id-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott u f'din l-investigazzjoni sabet li ż-żewġ tipi ta' prodotti jistgħu jintużaw u ntużaw bħala ritardanti tal-fjammi. Il-fatt li t-TCPP huwa organofosfat klorurat u t-TEP huwa organofosfat mhux klorurat ma jbiddilx din is-sejba. L-użu simili ġie kkonfermat matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post ta' Kingspan, li juża kemm lit-TCPP kif ukoll lit-TEP bħala ritardant tal-fjammi f'applikazzjonijiet tal-fowm riġidu u huwa importatur sinifikanti tal-esteri tal-fosfat tal-akril li joriġinaw miċ-Ċina. Għalkemm hemm possibbiltà li t-TEP ikollu applikazzjonijiet oħra għajr li jkun ritardant tal-fjammi, il-Kummissjoni sabet li ż-żewġ tipi ta' prodotti jikkompetu direttament ma' xulxin għal parti importanti tal-użu tagħhom, jiġifieri biex isiru fowms ritardanti tal-fjammi riġidi. Barra minn hekk, id-*data* li abbażi tagħha ntlaħqu s-sejbiet fir-rigward tad-dumping, id-dannu u r-rabta kawżali bejn it-tnejn f'din l-investigazzjoni kienet tkopri ż-żewġ prodotti.

(34) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan, Quimidroga, is-CPCIF, u Shandong Yarong tennew dikjarazzjonijiet rigward nuqqas ta' xebh fl-istruttura molekulari u rigward differenzi fil-karatteristiċi kimiċi u fiżiċi li diġà kienu indirizzati fil-premessi (27) sa (33).

(35) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan irrefera għal investigazzjoni anti-dumping u antisussidji li għaddejja rigward ir-ritardanti tal-fjammi fl-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") fejn l-ambitu tal-prodott jinkludi wkoll it-tielet ritardant tal-fjammi, tris (1,3-dikloroisopropil) fosfat ("TDCP"), flimkien mat-TCPP u t-TEP. Matul din l-investigazzjoni tal-Istati Uniti, ICL, wieħed mill-ilmentaturi, ammetta li l-inklużjoni tat-TDCP kienet ukoll prevista fl-investigazzjoni preżenti. Kingspan sostna li dan wera n-natura arbitrarja tal-ambitu tal-prodott użat fl-investigazzjoni preżenti. Madankollu huwa mfakkar li l-Kummissjoni mhijiex marbuta b'deċiżjonijiet meħuda f'investigazzjonijiet imwettqa f'ġurisdizzjonijiet oħra. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (33), il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott u għalhekk l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(36) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan u Quimidroga sostnew li r-riklassifikazzjoni minn Lanxess, fuq inizjattiva tiegħu, tat-TCPP fil-Kategorija 2 tal-Karċinogen (prodotti b'suspett ta' kanċeroġeniċità) u r-riklassifikazzjoni imminenti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") kellhom jissemmew fid-divulgazzjoni peress li dan il-fatt jikkostitwixxi raġuni oħra għaliex TEP mhijiex simili għal TCPP. Madankollu, il-fatt li t-TCPP klorinat u t-TEP mingħajr aloġenu jvarjaw f'diversi aspetti inkluż b'mod partikolari l-impatt ambjentali diġà ġie indirizzat fil-premessi minn (29) sa (33). Id-differenzjazzjoni f'termini ta' karċinoġeniċità, jekk ikkonfermata mill-ECHA, ma tippreġudikax il-konklużjoni fil-premessa (33) u għalhekk l-affermazzjoni ġiet injorata.

(37) Skont is-CPCIF u Shandong Yarong, il-proċess tal-produzzjoni taż-żewġ tipi ta' prodotti huwa differenti u ż-żewġ prodotti jużaw linji ta' produzzjoni differenti. L-istess linja ta' produzzjoni ma tistax tipproduċi t-TCPP u t-TEP u għalhekk it-tipi ta' prodotti mhumiex interkambjabbli. Shandong Yarong argumenta li fl-investigazzjoni anti-dumping dwar ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-ħadid jew tal-azzar ([5]) il-Kummissjoni kkonkludiet li prodotti li ma kinux direttament interkambjabbli jistgħu jaqgħu fl-istess ambitu tal-prodott fuq il-bażi li l-produttur jistgħu jittrasferixxu l-produzzjoni tagħhom bejn it-tipi ta' prodotti differenti fuq l-istess linja ta' produzzjoni, li mhuwiex il-każ għat-TCPP u t-TEP. Barra minn hekk, skont Quimidroga u Purinova, il-Kummissjoni naqset milli tindirizza l-fatt li t-TEP mhuwiex prodott fl-Unjoni. Biex tibda tipproduċi t-TEP, l-industrija tal-Unjoni jkollha tistabbilixxi t-tagħmir meħtieġ li jkun jirrikjedi investimenti kbar.

(38) Il-Kummissjoni sabet li ż-żewġ tipi ta' prodotti kienu prodotti mill-istess produtturi esportaturi u ġew mibjugħa lill-istess importaturi u utenti għall-istess użu finali. Għalhekk kien hemm grad sinifikanti ta' interkamjabbiltà orjentata lejn id-domanda bejn it-tnejn. Peress li hija sustanza kimika, bidla fil-produzzjoni fuq l-istess linja ta' prodotti mhijiex element deċiżiv li jrid jitqies bħala prodott simili. Skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma għandhiex għalfejn tipproduċi prodotti identiċi għat-tipi kollha ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott importat mill-pajjiż ikkonċernat. Għaldaqstant, il-fatt li l-industrija tal-Unjoni jkollha tagħmel investimenti sinifikanti jekk tiddeċiedi li terġa' tibda l-produzzjoni tat-TEP ma nstabx li kien element deċiżiv biex it-TEP jitqies bħala prodott simili għat-TCPP.

(39) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga sostna li l-interkambjabbiltà min-naħa tad-domanda msemmija fil-premessa (38) ma tagħtix prova tas-sostitwibbiltà. Il-kunċett ta' interkambjabbiltà min-naħa tad-domanda huwa bbażat fuq is-sejba li l-produtturi esportaturi qed jipproduċu u jbigħu ż-żewġ tipi ta' prodotti lill-istess klijenti. Madankollu, il-Kummissjoni qieset l-interkambjabbiltà min-naħa tad-domanda bħala sempliċi indikazzjoni li jista' jkun hemm sostitwibbiltà tat-tipi ta' prodotti għal ċerti applikazzjonijiet għall-użu finali. Sabiex tipprova s-sostitwibbiltà, il-Kummissjoni eżaminat id-*data* pprovduta mill-utenti kif spjegat fil-premessa (49). Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(40) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CPCIF u Shandong Yarong sostnew li l-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma tistax terġa' tibda l-produzzjoni ta' TEP mingħajr investiment sinifikanti jindika li t-TCPP u t-TEP mhumiex interkambjabbli. Shandong Yarong ikkontestat ukoll is-sejba mill-Kummissjoni fil-premessa (38) li l-possibbiltà li l-produzzjoni tiġi ttrasferita minn TCPP għal TEP (jew viċi versa) fuq l-istess linja ta' produzzjoni ma kinitx element deċiżiv meta jiġi vvalutat is-similarità tat-tipi ta' prodotti minħabba li l-esteri tal-fosfat tal-akril huma

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/804 tal-11 ta' Mejju 2017 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid mingħajr ġonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l–406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 121, 12.5.2017, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/804/oj, il-premessa (27).

prodott kimiku. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li hemm differenza fil-proċess tal-produzzjoni tat-TCPP u tat-TEP madankollu dan ma jbiddilx il-fatt li hemm livell sinifikanti ta' sostitwibbiltà bejn it-tnejn. Għalhekk, il-fatt li l-industrija tal-Unjoni jkollha tagħmel investimenti biex tipproduċi tip ieħor ta' prodott mhuwiex argument validu biex jiġi konkluż li t-tipi ta' prodotti mhumiex simili, interkambjabbli jew sostitwibbli. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(41) Quimidroga argumenta wkoll li l-effiċjenza tar-ritardant tal-fjammi stabbilita fil-premessa (46) tar-Regolament proviżorju tirreferi biss għall-kontenut tal-fosforu, filwaqt li l-komponenti u l-elementi ritardanti tal-fjammi kollha għandhom jitqiesu li jeħtieġu 2,47 darba aktar TEP milli TCPP biex tintlaħaq l-istess effiċjenza tar-ritardant tal-fjammi. Madankollu, iż-żieda ta' dan l-ammont ta' TEP tikkawża bidla fil-viskożità tal-prodott finali li taffettwa b'mod negattiv il-kwalità u l-prestazzjoni. Quimidroga, Kingspan u Purinova indikaw li huma meħtieġa tagħmir u riformulazzjoni differenti tal-komponenti kimiċi biex jinkiseb prodott finali simili, li jinvolvi kostijiet u dewmien sinifikanti.

(42) L-ilmentaturi indikaw li l-effiċjenza tar-ritardanti tal-fjammi ma tistax tkun ibbażata fuq kwalunkwe kalkolu li jirreferi għall-kontenut ta' elementi kimiċi bħall-fosforu u l-kloru biss, peress li l-utenti tal-APE jistgħu jifformulaw il-prodotti tagħhom b'mod differenti.

(43) Il-Kummissjoni sabet li riformulazzjoni tal-komponenti kimiċi kienet tabilħaqq meħtieġa biex taqleb bejn it-TCPP u t-TEP. Madankollu, hija saret taf mill-utent ivverifikat li dawn il-kostijiet kienu limitati meta mqabbla mal-fatturat tal-prodotti li fihom l-esteri tal-fosfat tal-akril.

(44) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan sostna li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-TCPP u t-TEP huma interkambjabbli hija kkuntestata mir-rapport taż-żjara ta' verifika u mill-esibizzjonijiet fejn Kingspan ipprovda evidenza li s-sostituzzjoni tat-TEP bit-TCPP (jew viċi versa) kienet teħtieġ riformulazzjoni u ċertifikazzjoni mill-ġdid għaljin flimkien ma' investiment (nefqa kapitali) sinifikanti biex jiġu mmodifikati l-faċilitajiet ta' produzzjoni. L-eżistenza ta' kostijiet sinifikanti bejn il-produzzjoni tat-tnejn mhijiex ikkontestata jew injorata mill-Kummissjoni, iżda kif ġie spjegat fil-premessa (49), dawn il-kostijiet ma jwaqqfux li t-TCPP milli tiġi sostitwita mit-TEP f'fowms riġidi. Barra minn hekk, l-ebda parti interessata ma setgħet turi n-nuqqas ta' sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda.

(45) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan argumenta li l-Kummissjoni, fil-premessa (43), injorat il-kostijiet taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u tan-nefqa kapitali (capex) assoċjati mar-riformulazzjoni. Il-Kummissjoni tiċċara li l-ispejjeż ikkombinati għar-riformulazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid huma wkoll minimi meta mqabbla mal-fatturat tal-prodotti li jinkorporaw l-esteri tal-fosfat tal-akril. Anke meta żdiedet in-nefqa kapitali, ġie stabbilit li dawn l-ispejjeż ma fixklux l-użu tat-TEP minflok tat-TCPP għal fowms riġidi.

(46) Is-CPCIF, Shandong Yarong, Kingspan, Purinova u Quimidroga sostnew li filwaqt li t-TCPP jintuża b'mod predominanti bħala ritardant tal-fjammi f'fowm tal-poliuretan riġidu u flessibbli, it-TEP jintuża bħala plastifikant fil-polimeri, fil-gomma u fil-plastik u jintuża biss b'mod limitat bħala ritardant tal-fjammi. Barra minn hekk, huma ma għandhomx l-istess kanali ta' bejgħ u distribuzzjoni u mhumiex f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin. Is-CPCIF argumentat li għalkemm it-TEP teoretikament jista' jintuża bħala ritardant tal-fjammi fil-produzzjoni ta' fowms PUR jew PIR, dan ma jkunx ekonomikament vijabbli minħabba l-prezz ogħla tat-TEP. Shandong Yarong iddikjara wkoll li anki meta jintuża bħala ritardant tal-fjammi, it-TEP normalment jitħallat ma' tipi oħra ta' ritardanti tal-fjammi biex jinkiseb prodott finali u għalhekk mhuwiex identiku għat-TCPP. Shekoy Europe ddikjara li t-TCPP u t-TEP mhumiex interkambjabbli iżda komplementari biss f'fowms riġidi bħall-PIR.

(47) Quimidroga argumenta li l-Kummissjoni ma indirizzatx il-fatt li t-TEP u t-TCPP mhumiex sostitwibbli fl-applikazzjonijiet differenti kollha tal-APE u li hemm sustanzi oħra li jistgħu jintużaw bħala ritardanti tal-fjammi fil-fowms PUR u PIR.

(48) Madankollu, Kingspan u Purinova kkonfermaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-TCPP u t-TEP jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli għal linji kontinwi, bħal pannelli.

(49) Kif stabbilit fil-premessa (33), tipi differenti ta' prodotti jista' jkollhom użi finali differenti. Madankollu, l-ebda waħda mill-partijiet interessati ma ċaħdet jew ressqet evidenza li tiċħad li kemm it-TCPP kif ukoll it-TEP jistgħu jintużaw f'applikazzjonijiet tal-fowm riġidu. Dan ġie kkonfermat mill-analiżi tal-informazzjoni pprovduta mill-utenti, fejn il-Kummissjoni sabet li huwa possibbli li t-TCPP jiġi sostitwit bis-sħiħ bit-TEP fil-produzzjoni ta' fowms riġidi u li t-TCPP u t-TEP jintużaw separatament bħala ritardant tal-fjammi fil-produzzjoni ta' prodotti kompetituri. Hija ma sabitx li ż-żewġ tipi ta' prodotti setgħu jintużaw biss b'mod komplementari.

(50) Għalhekk, l-affermazzjonijiet fir-rigward tat-talba biex it-TEP jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott iridu jiġu miċħuda u l-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni proviżorja tagħha rigward l-ambitu tal-prodott.

(51) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga sostna li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi *data* dwar l-ishma rispettivi ta' TCPP u TEP f'fowms riġidi u flessibbli, u dan jissuġġerixxi li din l-informazzjoni kienet meħtieġa għal analiżi bir-reqqa tas-sostitwibbiltà. Madankollu, il-livelli attwali tal-konsum tat-TCPP jew tat-TEP huma irrilevanti meta tiġi vvalutata s-sostitwibbiltà ta' dawn il-prodotti. Fi kliem ieħor, anki jekk l-użu ta' TEP kien ineżistenti f'applikazzjoni partikolari, dan ma jimplikax li s-sostituzzjoni hija impossibbli. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(52) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga argumenta li l-analiżi tas-sostitwibbiltà tal-Kummissjoni ffukat esklużivament fuq il-fowms riġidi, u ttraskurat il-fowms flessibbli. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-fowms riġidi jammontaw għal madwar żewġ terzi tal-applikazzjonijiet li jużaw l-esteri tal-fosfat tal-alkil, kif iddikjarat fil-premessa (46) tar-Regolament proviżorju u ma huma kontestati minn ebda waħda mill-partijiet interessati. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li s-sostitwibbiltà ntweriet b'mod adegwat, u għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(53) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga afferma li ma kien hemm l-ebda evidenza rreġistrata li tindika li t-TEP jintuża bħala ritardant tal-fjammi awtonomu f'fowms riġidi. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (49), il-Kummissjoni ddeterminat li t-TEP jista' jintuża bħala l-uniku APE f'fowms riġidi. Konsegwentement, l-affermazzjoni ta' Quimidroga ġiet miċħuda.

(54) Shandong Yarong irrefera għall-premessa (49) u sostna li l-fatt li t-TCPP u t-TEP jistgħu jintużaw f'applikazzjonijiet riġidi tal-fowm ma jurix li ż-żewġ prodotti jikkondividu l-istess utenti finali u/jew huma interkambjabbli peress li kwalunkwe sostituzzjoni mit-TCPP għat-TEP titlob riformulazzjoni, ċertifikazzjoni mill-ġdid u nefqa kapitali għaljin. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (45), dawn l-ispejjeż ma fixklux il-bidla mit-TCPP għat-TEP għal fowms riġidi. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(55) Purinova talab l-esklużjoni tat-TEP u tat-TCPP użati fil-produzzjoni tas-sistemi ta' iżolament termali PIR u PUR, minħabba n-nuqqas ta' kapaċità ta' produzzjoni tal-APE tal-industrija tal-Unjoni u l-ħtieġa ta' dawn is-sistemi ta' iżolament termali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni mingħajr ma pprovda aktar dettalji jew evidenza biex jappoġġa dawn l-affermazzjonijiet.

(56) Peress li l-maġġoranza tal-importazzjonijiet tal-APE miċ-Ċina jintużaw fil-produzzjoni tas-sistemi ta' iżolament termali PIR u PUR, eżenzjoni għal dawn l-importazzjonijiet ma teliminax l-effetti tad-dumping dannuż u tagħmel il-miżuri anti-dumping ineffettivi. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(57) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar l-ambitu tal-prodott u l-prodott simili, il-konklużjonijiet li waslu għalihom fil-premessi minn (30) sa (49) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali taħt l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(58) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali f'dan il-każ skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(59) Is-sejbiet provviżorji tal-Kummissjoni fil-premessa (61) huma għalhekk ikkonfermati.

3.2. **Valur normali**

(60) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar l-affermazzjoni fil-premessa (63) tar-Regolament proviżorju li tistabbilixxi t-termini tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(61) Is-sejbiet provviżorji tal-Kummissjoni fil-premessa (64) huma għalhekk ikkonfermati.

3.3. **Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti**

(62) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti rigward l-evidenza dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti mill-importatur relatat Shekoy Europe (relatat mal-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera mhux inkluż fil-kampjun Jiangsu Yoke) u l-produttur esportatur Ċiniż inkluż fil-kampjun Anhui RunYue.

(63) Shekoy Europe l-ewwel afferma li s-sid tagħhom Jiangsu Yoke ma kienx proprjetà tal-Istat, kif ġie stabbilit fil-premessi (82), (86) u (90) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni nnotat li dawn il-premessi jistabbilixxu s-sommarju tal-informazzjoni tal-Kummissjoni fl-ilment aktar milli s-sejbiet tal-Kummissjoni nnifisha. L-analiżi tal-Kummissjoni hija stabbilita fil-premessi minn (150) sa (156) tar-Regolament proviżorju u ma rreferietx għall-istruttura tas-sjieda ta' Jiangsu Yoke.

(64) Għalhekk, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-influwenza tal-istat Ċiniż fis-settur tal-APE fil-premessi minn (150) sa (156) ma kinux jiddependu fuq is-sjieda ta' Jiangsu Yoke.

(65) It-tieni nett, Shekoy Europe iddikjara li s-sħubija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP", Chinese Communist Party) hija kbira wisq biex tkun fattur importanti fl-analiżi tal-Kummissjoni.

(66) Il-Kummissjoni tiċħad din l-analiżi. Minħabba r-rwol ewlieni tas-CCP kif stabbilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, is-sħubija ta' 100 miljun persuna hija indikattiva tal-influwenza tas-CCP. Il-fatt li 50 miljun minnhom jinsabu f'pożizzjonijiet maniġerjali jikkonferma biss l-eżistenza ta' influwenza qawwija tas-CCP fuq l-ekonomija Ċiniża, li huwa l-uniku element rilevanti għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjoni.

(67) Xejn fil-kummenti ta' Shekoy Europe ma qajjem dubji dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni kif stabbiliti fil-premessi minn (157) sa (166) tar-Regolament proviżorju.

(68) Shekoy Europe mbagħad ikkummenta li l-esportazzjonijiet tal-fosforu miċ-Ċina kienu rregolati għall-produzzjoni tal-fertilizzanti, u mhux għall-produzzjoni tal-APE.

(69) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet din l-analiżi, u nnotat li ma tikkontradixxix is-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi minn (167) sa (178) tar-Regolament proviżorju, li jiddikjaraw li l-gvern Ċiniż jirrestrinġi l-esportazzjoni tal-materja prima meħtieġa għall-produzzjoni tal-APE.

(70) Il-Kummissjoni għandha l-istess tweġiba għall-kummenti ta' Shekoy Europe dwar il-produzzjoni tal-etanol, u li t-TEP mhijiex ir-raġuni ewlenija għaliex l-etanol jiġi prodott.

(71) Shekoy Europe kkontestat ukoll l-analiżi fl-ilment li l-produzzjoni tat-TCPP jew tat-TEP tkun parti mill-"industriji emerġenti strateġiċi" msemmija fil-premessa (106) tar-Regolament proviżorju.

(72) Il-Kummissjoni nnotat l-evidenza fl-ilment, miġbura fil-qosor fil-premessa (107) tar-Regolament proviżorju, li r-ritardanti tal-fjammi huma b'mod ċar eliġibbli għall-appoġġ distorsiv mill-gvern deskritt fil-premessi minn (167) sa (178) tar-Regolament proviżorju.

(73) Fl-aħħar nett, Shekoy Europe ssottometta analiżi li l-14-il Pjan ta' Ħames Snin se jneħħi ħafna mis-sistema hukou ([6]) fiċ-Ċina, kif ukoll li ma hemm l-ebda differenza fil-pagi bejn il-ħaddiema lokali u dawk mhux lokali.

(74) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-analiżi. L-Artikolu XXVIII, it-Taqsima 1, tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin jirriforma s-sistema hukou iżda jżomm qafas għar-regolamentazzjoni tal-migrazzjoni interna tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni wkoll ma sabet xejn fil-Liġi tax-Xogħol tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jappoġġa l-analiżi ta' Shekoy Europe dwar il-livelli tal-pagi.

(75) Għalhekk, xejn f'dawn il-kummenti ma qajjem dubji dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni kif stabbiliti fil-premessi minn (184) sa (187) tar-Regolament proviżorju.

([6]) Is-sistema hukou tissemma fil-premessa (120) tar-Regolament Proviżorju bħala s-"sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi".

(76) Anhui RunYue kkummenta li r-rapport taċ-Ċina msemmi fil-premessa (69) tar-Regolament proviżorju nkiteb fl-2017, u li s-sejbiet ta' dan ir-rapport issa huma skaduti.

(77) Il-Kummissjoni nnotat li Anhui RunYue għamel l-istess punt fil-kummenti tiegħu għall-Ewwel Nota, u l-punt tagħhom ġie miċħud fil-premessi minn (222) sa (224) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-Regolament proviżorju huma konformi mar-rapport aġġornat tal-pajjiż dwar iċ-Ċina li ġie ppubblikat f'April 2024 ([7]).

(78) Anhui RunYue mbagħad għamel l-affermazzjoni li l-14-il Pjan ta' Ħames Snin ma kienx dokument vinkolanti.

(79) Il-Kummissjoni għal darba oħra ċaħdet din l-affermazzjoni, li ġiet miċħuda fil-premessi (226) u (227) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni qablet ma' Anhui li t-Taqsima tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin ikkwotata fil-premessa (227) tar-Regolament proviżorju hija primarjament indirizzata lill-awtoritajiet Ċiniżi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan. Huwa bis-saħħa tal-istruzzjonijiet espliċiti fil-Pjan lil dawk l-awtoritajiet kollha li l-operaturi ekonomiċi, bħal Anhui RunYue, jibbenefikaw mill-ambjent ta' politika favorevoli u mill-allokazzjoni tar-riżorsi.

(80) Anhui RunYue mbagħad għamel l-affermazzjoni li l-Partit Komunista Ċiniż ("is-CCP") ma jikkontrollax l-ekonomija tas-suq Ċiniża.

(81) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni. Ir-rwol ewlieni tas-CCP ġie deskritt fid-dettall fil-premessi minn (133) sa (149) tar-Regolament proviżorju.

(82) Anhui RunYue mbagħad jikkwota mill-*Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż u tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Aċċellerazzjoni tat-Titjib tas-Sistema tal-Ekonomija tas-Suq Soċjalista fl-Era l-Ġdida* ppubblikati fil-11 ta' Mejju 2020 ([8]) biex jappoġġa l-affermazzjoni tiegħu.

(83) Il-kwotazzjoni ta' Anhui RunYue minn dan id-dokument ta' politika tal-gvern wieħed ma biddlitx dawk il-konklużjonijiet fir-Regolament proviżorju, anki minħabba li l-kwotazzjoni hija selettiva ħafna. Il-Kummissjoni nnotat li l-punt 1(2) ta' dawn l-Opinjonijiet jirreferi b'mod espliċitu għal bosta kunċetti li jindikaw direttament distorsjonijiet sinifikanti kkawżati mill-Istat, bħal: "l-adeżjoni mat-tmexxija ġenerali tal-partit u t-tisħiħ tagħha", jew "l-adeżjoni mas-sistemi ekonomiċi soċjalisti bażiċi u t-tisħiħ tagħhom bħall-iżvilupp komuni tal-ekonomija bis-sjieda pubblika bħala l-pedament, id-distribuzzjoni skont ix-xogħol bħala l-pedament, il-koeżistenza ta' metodi multipli ta' distribuzzjoni, u s-sistema ekonomika tas-suq soċjalista, u l-għaqda organika tas-sistema soċjalista mal-karatteristiċi Ċiniżi mal-ekonomija tas-suq, sabiex jipprovdu garanziji istituzzjonali importanti għall-promozzjoni ta' żvilupp ta' kwalità għolja u l-bini ta' sistema ekonomika moderna."

(84) Anhui RunYue mbagħad afferma li ċ-Ċina tabilħaqq ippromulgat liġijiet dwar il-falliment, li jikkontradixxu s-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessi minn (179) sa (183) tar-Regolament proviżorju.

(85) Anhui RunYue ma pprovda l-ebda evidenza li turi li dawn is-sejbiet mhumiex korretti, jew li Anhui huwa eżentat mil-liġijiet attwalment fis-seħħ.

(86) Fl-aħħar nett, Anhui RunYue afferma li ma hemm l-ebda evidenza ta' pagi distorti fiċ-Ċina.

(87) Il-Kummissjoni għal darb'oħra ċaħdet din l-affermazzjoni, li tikkontradixxi s-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessi minn (184) sa (186) tar-Regolament proviżorju. Anhui RunYue ma pprovdiet l-ebda evidenza li turi li dawn is-sejbiet mhumiex korretti, jew li Anhui hija eżentata mil-liġijiet tax-xogħol attwalment fis-seħħ.

(88) Is-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni fil-premessi minn (65) sa (204) u minn (236) sa (238) tar-Regolament proviżorju fir-rigward tad-distorsjonijiet fiċ-Ċina huma għalhekk ikkonfermati.

([7]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-10 ta' April 2024, SWD (2024) 91 final.

([8]) https://www.rmzxb.com.cn/c/2020-05-18/2574667.shtml aċċessat fis-7 ta' Mejju 2024

3.4. **Pajjiż rappreżentattiv**

(89) Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bid-deċiżjoni li tuża l-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv u spjegat dik id-deċiżjoni fil-premessi minn (239) sa (266) tar-Regolament proviżorju.

(90) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-assoċjazzjoni tal-kummerċ CPCIF u l-importatur relatat Shekoy Europe dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv.

(91) Fil-fehma tas-CPCIF, il-Kummissjoni ma ssodisfatx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, peress li ma kien hemm l-ebda pajjiż ieħor fid-dinja b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina li kien jimmanifattura l-APE u għalhekk ma kien hemm l-ebda pajjiż rappreżentattiv xieraq. Għalhekk, is-CPCIF talbet lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid id-dazji anti-dumping li jirriżultaw mill-użu tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv.

(92) Shekoy Europe kkontesta l-użu tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv minħabba li l-Brażil kellu industrija kimika limitata, kien dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet u kellu infrastruttura ta' kwalità baxxa.

(93) Il-Kummissjoni spjegat l-approċċ użat biex jintgħażel il-Brażil fil-premessi minn (239) sa (266) tar-Regolament proviżorju. Meta ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni fl-ebda pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina, il-prattika tal-Kummissjoni hija li tidentifika prodott fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali tal-prodott taħt investigazzjoni u li tfittex pajjiż li jipproduċih li jappartjeni wkoll għall-istess grupp b'introjtu medju superjuri bħaċ-Ċina, kif ippubblikat mill-Bank Internazzjonali ([9]). Id-*data* għad-determinazzjoni tal-valur normali tinkiseb minn dan il-pajjiż rappreżentattiv.

(94) L-għażla tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv saret abbażi ta' dawn il-kriterji u f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, peress li l-Brażil kien pajjiż b'introjtu medju superjuri bil-produzzjoni tal-plastifikanti, prodott meqjus mill-Kummissjoni bħala fl-istess kategorija ġenerali bħall-APE, u fejn id-data rilevanti kienet faċilment disponibbli.

(95) Ma hemmx bżonn li tiġi vvalutata l-maturità tas-settur industrijali jew il-kwalità tal-infrastruttura minħabba li mhumiex kriterji tal-għażla biex jintgħażel il-pajjiż rappreżentattiv.

(96) Għalhekk, kemm il-kummenti tas-CPCIF kif ukoll ta' Shekoy Europe ġew miċħuda peress li ma biddlux l-għażla tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv.

(97) Is-CPCIF tenniet il-kummenti li għamlet fl-istadju proviżorju li l-plastifikanti ma kinux prodott simili għall-APE. L-istess kumment sar minn Shekoy Europe. L-ebda parti ma pprovdiet prodott simili alternattiv aktar xieraq.

(98) Il-Kummissjoni spjegat għaliex qieset il-plastifikanti bħala prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-APE fil-premessi minn (255) sa (256) tar-Regolament proviżorju. L-ebda wieħed mill-kummenti li saru mis-CPCIF u Shekoy Europe ma invalida dawn is-sejbiet.

(99) Is-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni fil-premessa (266) huma għalhekk ikkonfermati.

(100) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CPCIF tenniet l-affermazzjoni li saret fl-istadju proviżorju li jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tużax lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv. Is-CPCIP ma pprovdiet l-ebda argument ġdid jew suġġeriment għal pajjiżi rappreżentattivi alternattivi.

(101) Is-CPCIF argumentat ukoll li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta ma kkunsidratx il-maturità tas-settur industrijali għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv peress li jista' jkun li d-differenzi materjali eżistenti fis-sitwazzjoni ekonomika tas-settur industrijali jkollhom impatt enormi fuq l-adegwatezza tal-pajjiż inkwistjoni.

(102) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (94) u (95) ta' dan ir-Regolament.

([9]) https://datahelpdesk.worldbank.org/knowledgebase/articles/906519-world-bank-country-and-lending-groups

3.4.1. *Materja prima*

(103) Fil-kummenti tiegħu dwar ir-Regolament proviżorju, il-produttur esportatur Ċiniż Anhui RunYue reġa' talab lill-Kummissjoni taġġusta d-data tal-GTA (Global Trade Atlas) dwar il-prezzijiet tal-materja prima biex tneħħi l-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u t-tariffi tal-assigurazzjoni peress li l-produtturi Ċiniżi xtraw materja prima mis-suq lokali bi prezzijiet li ma kinux jinkludu dawn il-kostijiet.

(104) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (288) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet prezz tax-xiri tal-inputs disponibbli fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv.

(105) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni użat b'mod konsistenti l-prezz CIF tal-importazzjoni u żżid id-dazji tal-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport applikabbli biex tiżgura li l-parametru referenzjarju jkun fil-livell tal-konsenja sal-bieb tal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż.

(106) Peress li Anhui RunYue ma pprovda l-ebda argument ġdid biex issostni din l-affermazzjoni, il-Kummissjoni ċaħditha.

(107) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Ċiniż Shandong Yarong talab id-divulgazzjoni tal-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-ossiklorur tal-fosforu (POCl3), minkejja li dan il-parametru referenzjarju ntuża biss għall-kalkolu tal-valur normali għal wieħed mill-kompetituri tiegħu fil-kampjun, Anhui RunYue.

(108) Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba ta' Shandong Yarong peress li l-informazzjoni kienet kunfidenzjali u l-parametru referenzjarju ma ntużax biex jiġi kkalkolat il-valur normali tagħhom.

(109) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Shandong Yarong tenna t-talba tiegħu għad-divulgazzjoni tal-parametru referenzjarju għal POCl3. Kif indikat hawn fuq fil-premessa (108), ir-reviżjoni tal-parametru referenzjarju ma affettwatx il-valur normali u l-marġni tad-dumping ta' Shandong Yarong u d-divulgazzjoni kien fiha informazzjoni kunfidenzjali. L-affermazzjoni, għalhekk, reġgħet ġiet miċħuda.

(110) Madankollu, Shandong Yarong talab informazzjoni dwar jekk il-kalkolu tal-parametru referenzjarju għal POCl3 kienx jinkludi l-kostijiet SG&A u l-profitt. Il-kalkolu ġie spjegat fil-premessa (270) tar-Regolament proviżorju.

(111) Skont Shandong Yarong, abbażi tal-informazzjoni limitata dwar il-metodoloġija pprovduta fir-Regolament proviżorju, ma kienx ċar jekk il-kostijiet SG&A u l-profitt ġewx inklużi fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju għal POCl3. Il-kumpanija argumentat li dan il-parametru referenzjarju għandu jinkludi l-kostijiet SG&A u l-profitt biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn il-produtturi esportaturi.

(112) Il-Kummissjoni qablet li l-prezz referenzjarju maħdum għal POCl3 jenħtieġ li jkun valur tas-suq għall-input, ibbażat fuq il-kostijiet tal-materja prima flimkien mal-kostijiet tal-ipproċessar, u l-SG&A u l-profitt għall-bejgħ tiegħu lill-klijent. Il-prezz referenzjarju għal POCl3 kien jinkludi biss il-kost tal-materja prima użata għall-produzzjoni ta' dan il-prodott u ma kien jinkludi l-ebda SG&A jew profitt. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-parametru referenzjarju kkalkulat kien jeħtieġ li jiġi aġġustat biż-żieda tal-kostijiet SG&A u l-profitt.

(113) Minħabba li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda aċċess għall-kostijiet SG&A u l-profitt ta' kumpanija li timmanifattura u tbigħ il-POCl3 ([10]) fil-pajjiż rappreżentattiv, jew kwalunkwe sors ieħor ta' SG&A u profitt, il-kostijiet SG&A u l-profitt ta' Elekeiroz SA ntużaw bħala l-eqreb indikatur disponibbli u żdiedu mal-kalkolu tal-parametru referenzjarju eżistenti.

(114) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Anhui RunYue kkontesta r-reviżjoni tal-punt ta' riferiment għal POCl3 li saret fi stadju definittiv.

(115) L-ewwel nett, Anhui RunYue argumenta li l-Kummissjoni kienet ibbażat tali bidla materjali fil-metodu ta' kalkolu fuq kummenti infondati u mhux sostanzjati minn Shandong Yarong, mingħajr ma pprovdiet spjegazzjoni suffiċjenti għar-raġunijiet wara din il-bidla.

([10]) L-ossiklorur tal-fosforu huwa kkummerċjalizzat madwar id-dinja fi kwantitajiet limitati ħafna minħabba n-natura perikoluża tiegħu (il-premessa (270) tar-Regolament proviżorju).

(116) Il-Kummissjoni qieset li l-kumment ta' Shandong Yarong dwar il-ħtieġa li l-SG&A u l-profitt jiġu inklużi fil-kalkolu ta' POCl3 kien fondat. Tabilħaqq ikun razzjonali li bejjiegħ ta' POCl3 iddetermina l-prezz tal-bejgħ billi żied l-SG&A u l-profitt mal-kost tal-manifattura. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni aġġustat il-kalkolu inizjali tagħha tal-parametru referenzjarju.

(117) It-tieni, Anhui RunYue sostna li l-Kummissjoni kellha tinjora l-kummenti ta' Shandong Yarong peress li dawn ġew wara l-iskadenza u ma ssodisfawx ir-rekwiżiti proċedurali tal-investigazzjoni anti-dumping. Anhui RunYue argumenta li Shandong Yarong kien imissu pprovda kummenti wara l-pubblikazzjoni tat-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjonijiet u mhux dwar id-divulgazzjoni proviżorja.

(118) Il-Kummissjoni nnotat li l-għan tat-Tieni Nota kien li tinforma lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. Il-fatt li Shandong Yarong ma kkummentax dwar in-Nota ma affettwax id-dritt tiegħu li jikkummenta dwar is-sejbiet matul passi oħra tal-investigazzjoni u b'mod partikolari dwar il-kalkolu reali tal-valur normali spjegat fid-dettall biss fl-istadju provviżorju. Barra minn hekk, skont it-Taqsima 8 tan-Notifika ta' Bidu, Anhui RunYue kellu l-possibbiltà li jikkummenta dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra u li jipprovdi kontroargumenti dwar ir-reviżjoni tal-parametru referenzjarju għal POCl3.

(119) Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisitx li l-kummenti ta' Shandong Yarong ma kinux ġew sottomessi fil-ħin u lanqas li d-dritt tad-difiża ta' Anhui RunYue nkiser.

(120) It-tielet, Anhui RunYue sostna li l-aġġustament fil-metodu tal-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-POCl3 kien ekonomikament irraġonevoli u l-SG&A u l-profitt użati għal dan l-aġġustament ukoll ma kinux raġonevoli. Anhui RunYue argumenta li f'suq kompletament kompetittiv ma għandu jkun hemm l-ebda differenza sinifikanti fil-kost tal-materja prima, f'dan il-każ il-POCl3, kemm jekk inxtrat kif ukoll jekk ġiet prodotti internament, u għalhekk il-metodu ta' kalkolu inizjali kien raġonevoli.

(121) Anhui RunYue argumenta li jekk il-Kummissjoni assumiet li l-kost ta' Anhui RunYue ta' POCl3 kien differenti miż-żewġ produtturi l-oħra fil-kampjun u kellha l-intenzjoni li tinkludi l-SG&A u l-profitt għall-prezz tax-xiri tal-POCl3, ma kienx raġonevoli li l-SG&A u l-profitt jiżdiedu mal-kost tal-manifattura ta' POCl3 ffurmat bil-proporzjonijiet tal-konsum taż-żewġ produtturi l-oħra fil-kampjun, li pproduċew il-POCl3 għal produzzjoni ulterjuri ta' esteri tal-fosfat tal-alkil. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-proporzjonijiet tal-konsum tal-kloru u tal-fosforu isfar, kif ukoll tal-SG&A u tal-profitt, mill-produtturi tal-POCl3, minflok mill-produtturi tal-esteri tal-fosfat tal-alkil u l-plastifikanti.

(122) Il-Kummissjoni argumentat li l-kost għall-manifattura ta' POCl3, kemm jekk maħsub għall-użu ristrett kif ukoll jekk maħsub għall-bejgħ, tabilħaqq ma jkunx differenti b'mod sinifikanti. Madankollu, jekk ikun maħsub għall-bejgħ, irid jiżdied ammont ta' SG&A u profitt mal-kost tal-manifattura ta' POCl3. Huwa raġonevoli biss li bejgħ jiġġenera tali kostijiet u profitti.

(123) Barra minn hekk, l-allegazzjoni ta' Anhui RunYue li l-proporzjonijiet ta' konsum taż-żewġ produtturi l-oħra fil-kampjun tal-fosforu isfar u l-kloru kienu differenti minn dawk tal-produtturi ta' POCl3 kienet infondata. Il-proporzjonijiet tal-konsum tal-fosforu u l-kloru huma derivati minn ekwazzjoni kimika u ftit li xejn jista' jkun hemm varjanza fil-proporzjonijiet taż-żewġ komponenti tal-ekwazzjoni. Barra minn hekk, il-produtturi fil-kampjun infushom mhux biss ipproduċew POCl3 u l-prekursur tiegħu PCl3 għall-użu intern iżda wkoll għall-bejgħ bl-użu tal-istess proċess ta' produzzjoni u l-istess proporzjonijiet ta' konsum.

(124) Fl-aħħar nett, Anhui RunYue qies ukoll li l-livell ta' SG&A u profitt użat għal dan l-aġġustament ma kienx raġonevoli, u sostna li ma kien hemm l-ebda evidenza li dan kien konformi ma' dak ta' produttur ta' POCl3.

(125) Kif ġie spjegat fil-premessa (113), minħabba li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda aċċess għall-SG&A u għall-profitt ta' kumpanija li timmanifattura u tbigħ POCl3 fil-Brażil, il-Kummissjoni rrikorriet għad-*data* miġbura fl-investigazzjoni preżenti u li tirrappreżenta indikatur raġonevolment disponibbli għall-SG&A u l-profitt.

(126) Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(127) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga kkummenta wkoll dwar il-parametru referenzjarju għal POCl3 u sostniet li l-Kummissjoni tgħodd darbtejn l-SG&A u l-profitt fl-aġġustament tiegħu. Skont Quimidroga, il-valur tal-importazzjoni tal-fosforu u l-kloru diġà kien fih ammonti ta' SG&A u ta' profitt.

(128) Il-Kummissjoni argumentat li din is-sitwazzjoni hija tipika meta tiġi analizzata l-katina tal-valur ta' prodott. Il-prezz tax-xiri tal-materja prima jinkludi l-SG&A tal-fornitur u l-profitt, filwaqt li l-prezz tal-bejgħ tal-prodott finali, magħmul minn din il-materja prima, jinkludi l-SG&A tal-kumpanija tal-manifattura u l-profitt. Għalhekk, ir-rikonoxximent tal-SG&A u l-profitt ta' kull entità fil-katina tal-valur huwa meħtieġ. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.4.2. *Manodopera*

(129) Fil-kummenti tagħhom dwar ir-Regolament proviżorju, kemm Anhui RunYue kif ukoll is-CPCIF reġgħu kkontestaw l-użu tal-indiċi nazzjonali tal-prezzijiet tal-konsumatur ("INPC") biex jiġu aġġornati l-kostijiet lavorattivi tal-2021 ippubblikati mill-IBGE (Instituto Brasileiro de Geografia e Estatística) għall-istess raġunijiet stabbiliti fil-premessa (306) tar-Regolament proviżorju. Anhui RunYue kkontesta wkoll li l-Kummissjoni kienet irrifjutat l-affermazzjoni tiegħu minħabba li l-kumpanija ma kinitx sostanzjatha b'evidenza filwaqt li kien l-oneru tal-provi tal-Kummissjoni li tagħti prova tar-rabta bejn l-użu tal-INPC u d-data tal-IBGE.

(130) Il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessa (307) tar-Regolament proviżorju li l-INPC kellu l-għan li jikkoreġi l-kapaċità tal-akkwist tas-salarji permezz tal-kejl tal-bidliet fil-prezzijiet fil-basket tal-popolazzjoni b'introjtu baxx u għalhekk intuża b'mod wiesa' fin-negozjati tal-pagi ([11]). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-INPC kien indiċi xieraq għall-kejl taż-żidiet fil-pagi u għall-aġġornament tal-kost lavorattiv fil-Brażil.

(131) Peress li ma ġie pprovdut l-ebda element ieħor fil-kummenti ta' Anhui RunYue, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(132) Is-CPCIF ikkontestat l-użu mill-Kummissjoni tad-*data* tal-IBGE biex tikkalkula l-parametru referenzjarju għall-kost lavorattiv fil-Brażil peress li qieset li dan is-sett ta' *data*, ibbażat fuq stħarriġ, ma kienx rappreżentattiv daqs dak tal-ILO, li kellu jintuża minfloku.

(133) L-istess affermazzjoni diġà ġiet miċħuda fil-premessa (298) tar-Regolament proviżorju u s-CPCIP ma pprovdiet l-ebda informazzjoni ulterjuri biex tibdel din il-konklużjoni proviżorja.

(134) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-ILO tiġbor id-*data* dwar is-suq tax-xogħol minn settijiet tad-*data* (l-aktar stħarriġ dwar il-manodopera) miġbura mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika madwar id-dinja ([12]). Għall-Brażil, l-ILO tikseb id-*data* statistika, kemm għall-qligħ ta' kull xahar kif ukoll għas-sigħat maħduma, mill-IBGE. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li d-*data* primarja mill-IBGE kienet rappreżentattiva daqs id-*data* mill-ILO jew aktar u għalhekk sors xieraq biex jiddetermina l-parametru referenzjarju għall-manodopera.

(135) Shandong Yarong tenna l-kumment li għamel fl-istadju proviżorju dwar il-kalkolu tal-parametru referenzjarju, u kkontesta l-użu ta' żewġ sorsi differenti, l-istatistika tal-IBGE għall-kost lavorattiv u l-istatistika tal-ILO għas-sigħat maħduma, biex jikkalkulaw il-kost lavorattiv fis-siegħa fil-Brażil, u minflok talab li jintużaw is-sigħat tax-xogħol fiċ-Ċina jew li tintuża biss l-istatistika tal-ILO bħala bażi.

(136) Shandong Yarong sostna li l-użu ta' *data* li tkun ġejja kemm mill-IBGE kif ukoll mill-ILO ma kienx korrett peress li dan kien jimplika l-użu ta' "kombinazzjoni ta' sorsi mhux relatati", jiġifieri sorsi mhux relatati ma' xulxin. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' Shandong Yarong għall-istess raġunijiet bħal fil-premessa (134), jiġifieri minħabba li d-*data* primarja nkisbet kollha mid-*data* tal-IBGE. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(137) Fir-rigward tat-talba biex jintużaw is-sigħat tax-xogħol Ċiniżi, din it-talba ġiet miċħuda, peress li l-iskop tal-kalkolu huwa li jidentifika l-kost lavorattiv fis-siegħa fil-Brażil u l-Kummissjoni hija obbligata tikkalkulah bl-użu tad-*data* ppubblikata Brażiljana, mhux tas-sigħat maħduma fiċ-Ċina.

([11]) https://www.bcb.gov.br/en/monetarypolicy/priceindex (ikkonsultat l-aħħar fit-2 ta' Ġunju 2024).
([12]) https://ilostat.ilo.org/about/data-collection-and-production/(likkonsultat l-aħħar fit-2 ta' Ġunju 2024).

(138) Ladarba l-Kummissjoni tkun ikkalkulat il-parametru referenzjarju, li huwa l-kost ta' sieġha xogħol fil-Brażil bl-użu tas-sigħat tax-xogħol Brażiljani, allura dan il-kost jissostitwixxi l-kost ta' sieġha xogħol fiċ-Ċina meta jinħadem il-valur normali. In-numru ta' sigħat maħduma fiċ-Ċina, il-"proporzjon tal-konsum", huwa biss parti mill-kalkolu tal-valur normali.

(139) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Shandong Yarong tenna d-dikjarazzjoni li l-parametru referenzjarju għall-manodopera jenħtieġ li jinbena jew bl-użu tas-sigħat maħduma tal-produtturi esportaturi Ċiniżi jew bl-użu tal-istess sors ta' data, jiġifieri l-ILO.

(140) Il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessa (134) li s-sors primarju kemm għall-kost lavorattiv kif ukoll għas-sigħat maħduma, kien dak tad-*data* statistika miġbura mill-IBGE. Il-Kummissjoni qieset li dan kien konformi ma' dak li Shandong Yarong kienet temmen li huwa "approċċ koerenti minn perspettiva metodoloġika, [jiġifieri] li jintuża l-istess sett ta' *data* għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju kollu" ([13]).

(141) Għall-kuntrarju, l-istess ma setax jingħad dwar il-kalkolu tal-parametru referenzjarju tax-xogħol bl-użu ta' *data* minn żewġ pajjiżi b'liġijiet tax-xogħol differenti u sigħat tax-xogħol medji, kif issuġġerit minn Shandong Yarong.

(142) Barra minn hekk, il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni hija konformi mal-prattika tal-passat tagħha f'każijiet fejn il-Brażil intgħażel bħala pajjiż rappreżentattiv ([14]).

(143) Peress li ma tressaq l-ebda element fattwali ġdid minn Shandong Yarong, it-talba ġiet miċħuda.

(144) Is-CPCIF irrepetiet ukoll l-affermazzjoni tagħha li għamlet fl-istadju proviżorju li l-metodoloġija tal-Kummissjoni wasslet għal żieda fil-kostijiet tal-impjegaturi mingħajr ma ressqet argumenti ġodda. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni għall-istess raġunijiet spjegati fil-premessi minn (300) sa (302) tar-Regolament proviżorju.

(145) Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fil-premessi minn (275) sa (313) tar-Regolament proviżorju huma għalhekk ikkonfermati.

3.4.3. *Elettriku*

(146) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kalkolu ta' dan il-parametru referenzjarju. Għalhekk, is-sejbiet proviżorji u l-konklużjonijiet fil-premessi minn (314) sa (318) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.4. *Fwar*

(147) Fil-kummenti tagħha għar-Regolament proviżorju, is-CPCIF reġgħet talbet li l-Kummissjoni tuża l-prezz tal-faħam tal-fwar fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju tal-fwar, jew mill-inqas tuża 50 % faħam tal-fwar u 50 % gass naturali.

(148) L-użu mill-Kummissjoni tal-gass naturali biex tikkalkula l-parametru referenzjarju tal-fwar fil-Brażil ġie spjegat fil-premessi minn (320) u (321) tar-Regolament proviżorju, inkluża r-raġuni għall-użu tal-gass naturali aktar milli tal-faħam tal-fwar.

(149) Għaldaqstant, l-affermazzjoni reġgħet ġiet miċħuda u l-konklużjoni proviżorja ġiet ikkonfermata.

3.4.5. *SG&A u profitt*

(150) Id-*data* għall-kostijiet SG&A u l-profitt li għandha tintuża fil-kostruzzjoni tal-valur normali fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika ttieħdet mill-kontijiet tal-2022 tal-produttur Brażiljan Elekeiroz SA u ntuża l-metodu stabbilit fil-premessi minn (325) sa (329) tar-Regolament proviżorju.

(151) Ma wasal l-ebda kumment dwar dan il-metodu u għalhekk il-konklużjoni proviżorja ġiet ikkonfermata.

([13]) Il-kummenti ta' Shandong Yarong's dwar id-divulgazzjoni finali, il-paragrafu 43.
([14]) ĠU L 169, 4.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1404/oj.

3.4.6. *Kalkolu tal-valur normali*

(152) Ma wasal l-ebda kumment dwar dan il-kalkolu, kif stabbilit fil-premessi minn (330) sa (333) tar-Regolament proviżorju u għalhekk il-konklużjoni proviżorja ġiet ikkonfermata.

3.5. **Prezz tal-esportazzjoni**

(153) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-metodu għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni, kif stabbilit fil-premessi minn (334) sa (336) tar-Regolament proviżorju u għalhekk il-konklużjoni proviżorja ġiet ikkonfermata.

3.6. **Tqabbil**

(154) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Ċiniż inkluż fil-kampjun Shandong Yarong iddikjara li l-Kummissjoni ma kinitx għamlet tqabbil ġust bejn il-valur normali maħdum ikkalkulat skont l-Artikolu 2(6a) u l-prezz tal-esportazzjoni tal-kumpanija, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(155) Shandong Yarong innota li l-kostijiet SG&A użati biex jinbena l-valur normali, meħudin mill-kontijiet pubbliċi tal-2022 ta' Elekeiroz SA, iridu jinkludu l-kostijiet tal-merkanzija, tal-imballaġġ u finanzjarji.

(156) Madankollu, il-Kummissjoni kienet neħħiet dawn il-kostijiet u kostijiet oħra mill-prezz tal-esportazzjoni ta' Shandong Yarong, biex taġġusta l-prezz tal-esportazzjoni għal livell "mill-fabbrika".

(157) Minħabba li diżaggregazzjoni aktar dettaljata tal-kostijiet SG&A ta' Elekeiroz ma ġietx ippubblikata u mhijiex faċilment disponibbli, u dan jippermetti li l-valur normali maħdum jiġi aġġustat għall-istess livell bħall-prezz tal-esportazzjoni, Shandong Yarong talab li dawn il-kostijiet jibqgħu fil-prezz tal-esportazzjoni, biex jiġi żgurat tqabbil ġust.

(158) Shandong Yarong għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-762/20 ([15]) *Sinopec* li qed tiġi appellata, ([16]) u li qieset dan il-punt ta' aġġustament tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fejn il-valur normali kien inħadem skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(159) Il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba peress li Shandong Yarong naqas milli juri li l-kostijiet SG&A użati mill-Kummissjoni ma kinux diġà ġew irrapportati mill-fabbrika, kif instab fil-premessi minn (330) sa (333) tar-Regolament proviżorju, jew li dawn iwasslu għal ammont għall-kostijiet SG&A li ma jkunux "raġonevoli" f'dak il-livell ta' kummerċ, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(160) Kif innotat fil-premessi minn (330) sa (333) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni qieset l-ammont għall-kostijiet SG&A użat fil-kostruzzjoni tal-valur normali raġonevoli għal-livell ta' kummerċ li fih inħadem il-valur normali, jiġifieri mill-fabbrika. Ħlief għal affermazzjoni mhux sostanzjata dwar il-kontenut tal-SG&A użat mill-Kummissjoni, l-ebda parti interessata ma qajmet dubju dwar din is-sejba.

(161) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jobbliga lill-Kummissjoni tqabbel il-prezz tal-esportazzjoni mal-valur normali fl-istess livell ta' kummerċ. Il-Kummissjoni għażlet li tqabbilhom it-tnejn fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika. Għal dak il-għan, il-prezz tal-esportazzjoni ġie nnettjat lura għal dak il-livell ta' kummerċ.

(162) Rigward il-valur normali, huwa ferm aktar probabbli li l-kostijiet SG&A użati mill-Kummissjoni fil-kostruzzjoni kienu relatati ma' livell ta' kummerċ mill-fabbrika ([17]) milli li tnaqqis arbitrarju u kompletament mhux informat għal dawn il-kostijiet iġibhom għal dak il-livell. Alternattiva oħra tkun li ma jiġix innettjat il-prezz tal-esportazzjoni lura għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika. F'dak il-każ, ikun prattikament impossibbli li l-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni jiġu mqabbla fl-istess livell ta' kummerċ. Għalhekk ikun ċar li r-rekwiżit tal-Artikolu 2(10) ma jiġix issodisfat.

([15]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:62020TJ0762

([16]) Il-Kawża C-319/24 P, Il-Kummissjoni v Sinopec Chongqing SVW Chemical et, pendenti.

([17]) Il-kontijiet awditjati tal-kumpanija juru li dawn tħejjew f'konformità mal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS), u dawn l-istandards ma jagħtux mandat li l-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija, tal-imballaġġ u dawk finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati jew fil-COGS jew fil-kostijiet SG&A. Il-kontijiet awditjati lanqas ma jipprovdu evidenza li l-kumpanija ġarrbet dawn il-kostijiet. Pereżempju, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda referenza li l-kumpanija ġġarrab xi kostijiet tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar.

(163) Meta jitqiesu dawn l-alternattivi, huwa ċar li, meta sabet li l-kostijiet SG&A użati f'dan il-każ huma "raġonevoli" għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni ċara għall-kuntrarju (ara l-premessa (159) ta' hawn fuq), il-Kummissjoni aġixxiet f'konformità mal-Artikoli 2(6a) u 2(10) tar-Regolament bażiku.

(164) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Shandong Yarong reġgħet issottomettiet l-affermazzjoni tagħha, bl-argument li l-Kummissjoni kienet qed treġġa' lura l-oneru tal-provi fuq Shandong Yarong, u tenniet l-affermazzjoni li r-responsabbiltà li jiġi żgurat tqabbil ġust hija tal-Kummissjoni.

(165) Shandong Yarong sostniet mill-ġdid mingħajr ma ssostanzjat li huwa magħruf sew li l-kostijiet tan-nol, tal-imballaġġ u tal-ispejjeż finanzjarji huma normalment irreġistrati fl-ispejjeż SG&A, b'referenza ulterjuri għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 1.99 tal-IFRS, li jiddikjara li l-ispejjeż rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu jridu jiġu kklassifikati jew min-natura tagħhom jew mill-funzjoni tagħhom. Għalhekk, Shandong Yarong ikkonkludiet li jekk jiġġarrbu kostijiet tat-trasport tal-merkanzija, tal-assigurazzjoni jew tal-imballaġġ biex jiġu kkonsenjati oġġetti lil klijent bħala parti minn tranżazzjoni ta' bejgħ, jenħtieġ li dawn jiġu kklassifikati bħala SG&A u spejjeż relatati ma' dak il-bejgħ. Madankollu, Shandong Yarong ma wrietx li dan kien il-każ għal Eleikeiroz.

(166) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku jirrikjedi li l-valur normali maħdum irid jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet u l-profitti SG&A. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi dawn l-ammonti skont żewġ kriterji: dawn għandhom ikunu raġonevoli u mingħajr distorsjoni. Lil hinn minn dawn il-kriterji, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni konsiderevoli minħabba l-valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi involuti.

(167) Għat-trasparenza u biex jiġu kkalibrati mill-qrib l-ammonti għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni tipikament tuża data faċilment disponibbli minn kumpaniji simili għall-produtturi esportaturi fil-pajjiż rappreżentattiv. Bl-użu ta' din id-*data*, il-Kummissjoni tidentifika proporzjonijiet bejn il-kostijiet tal-manifattura, il-kostijiet SG&A, u l-profitti f'dawk il-kumpaniji. Dawn il-proporzjonijiet imbagħad jiġu applikati għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun biex jiġu ddeterminati ammonti raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt.

(168) Għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi Shandong Yarong, il-Kummissjoni ma tużax il-kostijiet u l-profitt tal-SG&A ta' kumpanija terza direttament. Minflok, il-Kummissjoni tuża r-rata ta' dik il-kumpanija (proporzjon) bejn il-kostijiet tal-manifattura tagħha u l-kostijiet u l-profitti SG&A tagħha. Dawn ir-rati mbagħad jiġu applikati għall-kostijiet tal-manifattura mibnija tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun biex jiġu stabbiliti ammonti raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet u l-profitti SG&A.

(169) Argumenti li jissuġġerixxu li dawn l-ammonti jinkludu ċertu spiża u mhux oħra huma żbaljati. Dawn l-ammonti huma bbażati fuq proporzjon meħud minn kumpanija waħda, applikat għall-parametri referenzjarji mibnija minn sorsi faċilment disponibbli, immultiplikati bir-rati tal-użu minn kumpanija oħra. Dawn huma kostruzzjonijiet puri li ma jistgħux jinqasmu f'elementi ta' spiża individwali. Dawn mhumiex maħsuba biex jirriflettu perfettament il-kostijiet SG&A fis-suq domestiku ta' kull produttur esportatur, peress li tali determinazzjoni hija impossibbli. Minflok, huma japprossimaw ammonti li huma raġonevoli u mingħajr distorsjoni, kif mitlub mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku.

(170) Li kieku Shandong Yarong kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni affidabbli u kwantifikabbli li turi li l-kostijiet SG&A fil-pajjiż rappreżentattiv kienu jinkludu elementi li normalment ma kinux preżenti fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, il-Kummissjoni kienet taġġusta għal dawk l-elementi. Shandong Yarong naqas milli jipprovdi tali informazzjoni. Alternattivament, skont l-istandard legali fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(a), Shandong Yarong seta' argumenta li l-ammonti stabbiliti ma kinux raġonevoli jew distorti. Minbarra li argumenta li r-rata stabbilita tal-SG&A kienet differenti minn tiegħu stess (ara l-premessi (181) u (182)), Shandong Yarong ma pprovdiex argumenti li dawn l-ammonti ma kinux raġonevoli jew distorti.

(171) Fl-aħħar nett, meta jitqiesu r-rekwiżiti tal-Artikoli 2(6a)(a) u 2(10) tar-Regolament Bażiku u l-metodoloġija deskritta, il-Kummissjoni kellha tliet għażliet.

(172) L-ewwel nett, il-Kummissjoni setgħet u fil-fatt qieset l-ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt stabbiliti kif spjegat fil-premessi (168) sa (170) bħala mingħajr distorsjoni u raġonevoli għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika. Suppożizzjoni bħal din hija raġonevoli. Pereżempju huwa possibbli li l-kumpanija fil-pajjiż terz ma ġarrbitx l-ispejjeż tat-trasport inkwistjoni (setgħet kienet qed tbigħ fuq bażi ex-works). Il-Kummissjoni ttestjat din l-ipoteżi mal-partijiet interessati, u stiednet kummenti. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (170), ma ġie ppreżentat l-ebda kumment li effettivament jikkontradixxi l-ipoteżi.

(173) It-tieni, kif spjegat fil-premessa (162), il-Kummissjoni setgħet għamlet tnaqqis mhux infurmat u arbitrarju għall-kostijiet SG&A stabbiliti. Tali tnaqqis, peress li mhuwiex sostanzjat, essenzjalment jammonta għal distorsjoni tal-valur stabbilit u jikser l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku.

(174) Fl-aħħar nett, kif mitlub minn Shandong Yarong, il-Kummissjoni setgħet tevita li tinnettja l-prezz tal-esportazzjoni lura għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika qabel ma tqabblu mal-valur normali maħdum. Huwa prattikament impossibbli li tali livell ta' kummerċ, iddeterminat mit-termini tal-bejgħ ta' kull tranżazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jaqbel mal-livell ta' kummerċ li fuqu kienet ibbażata r-rata SG&A użata. Tabilħaqq, meta jitqies li l-produtturi esportaturi normalment ibigħu lill-Unjoni taħt diversi termini ta' konsenja, mingħajr ma jinnettjaw il-prezz tal-esportazzjoni lura, il-prezz tal-esportazzjoni ma jiġix stabbilit f'livell uniku ta' kummerċ iżda f'amalgamazzjoni ta' diversi livelli.

(175) Kif spjegat fil-premessa (162), jekk wieħed isegwi t-talba ta' Shandong Yarong, dan jista' jikser l-Artikolu 2(10) tar-Regolament Bażiku. Shandong Yarong ma kkontestatx din is-sejba fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni definittiva iżda tenniet it-talba tagħha.

(176) Għal dawn ir-raġunijiet imqassra hawn fuq, din it-talba ġiet miċħuda.

(177) Shandong Yarong sostna li l-Kummissjoni imponiet piż "mhux raġonevoli" fuqhom. Dan il-piż kien jikkonsisti f'li l-Kummissjoni talbet lil Shandong Yarong jiġġustifika metodoloġija magħżula mill-Kummissjoni nnifisha. Għal Shandong Yarong dan huwa ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-Artikolu 2.4 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping ("ADA").

(178) Il-Kummissjoni pprovdiet lil Shandong Yarong bl-informazzjoni kollha disponibbli rigward il-kostijiet SG&A użati u stiednet lil Shandong Yarong jikkummenta dwar din id-*data*. Shandong Yarong ma sostniex li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiżvela l-informazzjoni li kienet meħtieġa biex jitlob aġġustament. Minflok, Shandong Yarong ikkritika lill-Kummissjoni talli ma kellhiex analiżi dettaljata tal-kostijiet SG&A użati biex tiġi stabbilita r-rata applikata fil-kostruzzjoni tal-valur normali.

(179) Billi żvelat id-*data* kollha li kellha relatata mal-aġġustament mitlub, irrispettivament minn jekk id-*data* kinitx biżżejjed għall-finijiet maħsuba minn Shandong Yarong, il-Kummissjoni ssodisfat l-obbligi proċedurali tagħha.

(180) Bħala tali, il-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jew l-Artikolu 2.4 tal-ADA billi imponiet oneru tal-prova mhux raġonevoli. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(181) Shandong Yarong qies, mingħajr ma ssostanzjah, li 8,49 % tal-SG&A mhuwiex raġonevoli għal-livell tal-kummerċ "ex-works". Shandong Yarong qabbel dan il-perċentwal mal-SG&A tiegħu stess li huwa aktar baxx.

(182) Il-Kummissjoni osservat li s-sempliċi fatt li l-SG&A użat kien ogħla minn dak miksub minn Shandong Yarong fil-livell ta' "kif joħroġ mill-fabbrika" ma jagħmilx dan mhux raġonevoli skont it-tifsira tal-aħħar inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, ir-rata SG&A ta' Shandong Yarong hija differenti mir-rati tal-produtturi esportaturi l-oħra fil-kampjun. Dan ma jfissirx li wieħed jew l-ieħor ma jkunx raġonevoli. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni oħra għaliex 8,49 % tal-SG&A ma kinux ikunu raġonevoli għal livell ta' kummerċ mill-fabbrika, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(183) Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

3.7. **Kalkolu tal-marġni tad-dumping**

(184) Shandong Yarong talab li l-Kummissjoni tikkalkula l-marġni tad-dumping tagħha fuq bażi trimestrali. Il-kumpanija bbażat dan fuq bidliet fil-prezz tal-materja prima matul il-PI li l-kumpanija ddikjarat huwa rifless fil-prezz tal-bejgħ tal-APE.

(185) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin:

(186) L-ewwel nett, il-varjazzjonijiet fil-prezz tal-materja prima fiċ-Ċina huma irrilevanti għall-kalkolu tal-valur normali, peress li dan huwa bbażat fuq il-prezzijiet medji tal-importazzjoni fil-Brażil matul it-12-il xahar tal-PI.

(187) It-tieni nett, il-kumpanija ma tagħmel l-ebda affermazzjoni li l-proporzjonijiet tal-konsum ta' materja prima tagħha se jinbidlu kull trimestru, li hija l-unika data mill-kumpanija użata għall-kalkolu tal-valur normali.

3.8. **Marġnijiet tad-dumping**

(188) Kif deskritt fil-premessi minn (110) sa (113) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni aċċettat l-affermazzjoni relatata mal-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-ossiklorur tal-fosforu ($POCl_3$) u b'riżultat ta' dan irrevediet il-marġni tad-dumping għal Anhui RunYue u għalhekk il-medja tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(189) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, assigurazzjoni u nol (cost, insurance and freight, CIF) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Anhui RunYue Technology Co., Ltd.	53,1 %
Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Limited Liability Co.	68,4 %
Shandong Yarong Chemical Co., Ltd.	63,0 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun elenkati fl-Anness	61,3 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	68,4 %

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(190) Purinova sostna li minħabba li t-TEP mhuwiex prodott fl-Unjoni, ma hemm l-ebda industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku u l-importazzjonijiet Ċiniżi tat-TEP ma setgħu kkawżaw l-ebda dannu lill-industrija tal-Unjoni peress li ma hemm l-ebda industrija tal-Unjoni.

(191) Il-Kummissjoni vvalutat fil-premessi minn (27) sa (57) it-talbiet għall-esklużjoni tal-prodott tat-TEP mill-ambitu tal-prodott u kkonkludiet li t-TEP huwa parti minn dan l-ambitu. Għalkemm l-industrija tal-Unjoni ma pproduċietx dan it-tip ta' prodott, il-Kummissjoni sabet li t-TEP huwa prodott simili għat-TCPP. Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, l-industrija tal-Unjoni hija l-produtturi tal-Unjoni kollha tal-prodotti simili, li għalhekk jinkludu l-produtturi tat-TCPP. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku, prodott simili jista' jfisser ukoll prodott ieħor li, għalkemm mhux l-istess fl-aspetti kollha, għandu karatteristiċi li jixbhu mill-qrib lil dawk tal-prodott taħt kunsiderazzjoni. Għal din ir-raġuni, l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(192) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (353) sa (354) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.2. **Id-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni**

(193) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tad-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (355) sa (359) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(194) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (360) sa (368) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

(195) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CPCIF argumentat li ż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet tal-APE miċ-Ċina bejn l-2021 u l-PI rriflettiet xejra ċara ta' stabbiliment mill-ġdid tal-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u r-ritorn għall-kundizzjonijiet normali tas-suq wara t-tmiem tal-kriżi tal-COVID-19 u ma hemm l-ebda sinjal ċar ta' importazzjonijiet massivi miċ-Ċina lejn l-Unjoni.

(196) L-ilmentaturi argumentaw li l-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina baqgħu enormi matul il-perjodu kollu kkunsidrat u li l-eżenzjoni għall-Ilmentaturi matul il-perjodu tal-COVID-19 ġiet minħabba tnaqqis fil-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi, parzjalment minħabba l-kostijiet għoljin tat-trasport bejn iċ-Ċina u l-UE f'dak iż-żmien, filwaqt li s-sehem mis-suq Ċiniż baqa' kbir.

(197) Il-Kummissjoni sabet li matul il-perjodu kkunsidrat, li beda fl-2019 u għalhekk fil-perjodu ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19, l-importazzjonijiet Ċiniżi wrew żieda ta' 5 %. Kif stabbilit fil-premessa (371) tar-Regolament proviżorju, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina matul l-2020 u l-2021 jidher li huwa eċċezzjonali u relatat ma' restrizzjonijiet loġistiċi temporanji u mat-tnaqqis fil-flussi tal-kummerċ internazzjonali. Meta dawn is-sentejn jitqiesu bħala straordinarji, ix-xejra dejjem akbar tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping hija saħansitra aktar espliċita. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiċħad l-affermazzjoni tas-CPCIF.

(198) Quimidroga sostna li l-Kummissjoni ma indirizzatx il-fatt li l-volum tal-importazzjonijiet bejn l-2022 u l-PI naqas b'9 % u ma dehret l-ebda żieda fl-importazzjonijiet wara l-bidu tal-investigazzjoni.

(199) It-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju tabilħaqq uriet li l-importazzjonijiet naqsu mill-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, dan għandu jitqies fid-dawl ta' xejra ta' tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, fejn minkejja dan it-tnaqqis fil-volum assolut tal-importazzjonijiet Ċiniżi mill-2022 sal-PI, is-sehem mis-suq Ċiniż xorta żdied bi tliet punti perċentwali għal 80 %. Barra minn hekk, meta ġie vvalutat il-perjodu sħiħ ikkunsidrat, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'5 %. Għalhekk, l-affermazzjoni ta' Quimidroga ġiet miċħuda.

(200) Is-CPCIF ċaħdet li l-importazzjonijiet tal-APE miċ-Ċina kkawżaw soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet għall-industrija tal-Unjoni. Is-CPCIF indikat li għalkemm iż-żieda fil-livell tal-prezzijiet kienet bħala medja madwar 33 % inqas mill-prezzijiet tal-Unjoni fil-PI, l-importazzjonijiet Ċiniżi rriflettew ix-xejra tas-suq taż-żieda fil-kost u fil-prezzijiet u l-prezz ogħla b'mod anormali tal-produtturi tal-Unjoni kien ikkawżat prinċipalment minn fatturi oħra li ma kinux rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet ordinarji tas-suq, bħall-kost għoli tal-enerġija u tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni wara l-COVID-19 u l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

(201) Is-CPCIF ikkunsidrat li t-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi tal-APE ma kellu l-ebda effett soppressiv jew depressiv fuq il-prezzijiet tal-Unjoni, li komplew jikbru matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet miċ-Ċina bl-ebda mod ma influwenzaw il-prezzijiet stabbiliti mill-produtturi tal-Unjoni, evidenzjat mill-fatt li fl-2022 l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-prezz tal-APE 'l fuq mil-livell tax-xejra. Il-produtturi tal-Unjoni setgħu jżommu l-prezzijiet tagħhom ferm ogħla mill-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom ħlief għall-PI u għalhekk it-twaqqigħ tal-prezz marġinali tal-importazzjonijiet Ċiniżi ma kellu l-ebda effett fuq il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jżidu l-prezzijiet tagħhom sal-2022.

(202) L-ilmentaturi wieġbu għal dawn l-affermazzjonijiet, u ddikjaraw li hemm differenza kbira fil-prezz bejn il-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-prezz tal-industrija tal-Unjoni, li jenħtieġ li jitqies bħala fattur ta' dannu deċiżiv.

(203) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tinnota li t-twaqqigħ tal-prezz u s-soppressjoni tal-prezz huma żewġ effetti indipendenti fuq il-prezz elenkati fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku bħala alternattivi, li jistgħu jseħħu jew le fl-istess ħin f'każ partikolari. Kif stabbilit fil-premessi (398) u minn (440) sa (441) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żieda sinifikanti fil-kost tal-materja prima. B'sehem mis-suq ta' 80 %, l-importazzjonijiet Ċiniżi evidentement setgħu jistabbilixxu l-prezz tas-suq tal-prodott taħt investigazzjoni. Filwaqt li l-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 42 %, din setgħet iżżid il-prezzijiet tagħha b'36 % biss. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkumpensa ż-żieda fil-kost li ffaċċjat minħabba t-trażżin tal-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Il-fatt li l-prezz medju tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-2020 u fl-2021 ma kienx qed iwaqqa' l-prezz tal-industrija tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni setgħet takkumula l-profitti huwa prinċipalment minħabba l-kriżi eċċezzjonali tal-COVID-19 u l-kostijiet għoljin tat-trasport tal-merkanzija matul dak il-perjodu. Madankollu, mill-2022 'il quddiem, meta s-suq reġa' lura għas-sitwazzjoni ta' qabel il-COVID, l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew jerġgħu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni nbidlet f'telf. Għalhekk, l-importazzjonijiet Ċiniżi effettivament kellhom effett fuq il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jistabbilixxu l-prezz tagħhom u għalhekk l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(204) Shekoy Europe u Quimidroga argumentaw li d-data dwar il-konsum tal-Unjoni, il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, is-sehem mis-suq li dawn l-importazzjonijiet jirrappreżentaw, u l-prezzijiet tal-importazzjoni huma preġudikati minħabba l-inklużjoni tat-TEP fl-istatistika, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni tipproduċi biss it-TCPP.

(205) Kif stabbilit fil-premessi minn (27) sa (57), il-Kummissjoni rrifjutat l-esklużjoni tat-TEP mill-ambitu tal-prodott. Għalhekk, l-analiżi dwar l-importazzjonijiet issir fuq bażi aggregata għat-tipi kollha ta' prodotti li jaqgħu taħt il-prodott taħt investigazzjoni. Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-premessa (377) tar-Regolament proviżorju, il-prezz taż-żewġ tipi ta' prodotti segwa l-istess xejra.

(206) Quimidroga argumenta li l-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz stabbilit fil-premessi minn (378) u (379) tar-Regolament proviżorju huwa bbażat biss fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi tat-TCPP u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tat-TCPP.

(207) Il-Kummissjoni kkonfermat li peress li l-industrija tal-Unjoni ma pproduċietx TEP, it-tqabbil tal-prezzijiet kien ibbażat fuq il-bejgħ tat-TCPP biss. Tqabbil tal-prezzijiet għal kull tip ta' prodott tqies bħala l-aktar raġonevoli, meta titqies id-differenza fil-prezzijiet bejn tipi differenti ta' prodotti. Għalhekk, l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda.

(208) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (369) sa (379) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Informazzjoni Ġenerali*

(209) Quimidroga argumenta li l-indikaturi makroekonomiċi fir-Regolament proviżorju kienu relatati biss mal-produzzjoni tat-TCPP, u fassal tqabbil asimmetriku mal-importazzjonijiet miċ-Ċina inklużi kemm it-TCPP kif ukoll it-TEP.

(210) Kif iddikjarat fil-premessa (191), il-Kummissjoni kkonkludiet li t-TEP huwa parti mill-ambitu tal-prodott u li minkejja li l-industrija tal-Unjoni ma pproduċietx dan it-tip ta' prodott, il-Kummissjoni sabet li t-TEP huwa prodott simili għat-TCPP. Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, l-industrija tal-Unjoni hija l-produtturi tal-Unjoni kollha tal-prodotti simili, li għalhekk jinkludu l-produtturi tat-TCPP.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(211) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (384) sa (386) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(212) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-volum tal-bejgħ u tas-sehem mis-suq, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (387) sa (389) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.2.3. Tkabbir

(213) Quimidroga argumenta li ma kienx ċar mill-premessa (390) tar-Regolament proviżorju jekk it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni kienx jinkludi t-TEP. Peress li t-TEP huwa inkluż fil-prodott ikkonċernat, is-sejbiet kollha dwar id-dannu kienu jinkludu t-tipi kollha tal-prodott.

(214) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-tkabbir, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (390) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.2.4. Impjieg u produttività

(215) Quimidroga argumenta li l-impatt fuq l-impjiegi kien negliġibbli.

(216) Kif stabbilit fil-premessi (392) u (393) tar-Regolament proviżorju, l-għadd ta' impjegati li jipproduċu l-prodott ikkonċernat l-ewwel żdied iżda wera tnaqqis mill-2021 'il quddiem. Matul il-perjodu sħiħ ikkunsidrat, jidher tnaqqis evidenti. Il-fatt li ċ-ċifra assoluta fit-telf tal-impjiegi kienet limitata ma biddilx il-konklużjonijiet dwar ix-xejra li dehret matul il-perjodu kkunsidrat.

(217) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tal-impjiegi u l-produttività, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (391) sa (393) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(218) Purinova argumenta li l-Kummissjoni naqset milli tqis it-terminazzjoni tal-investigazzjoni anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tat-TCPP li joriġinaw miċ-Ċina li saret fl-2010 ([18]). Dik l-investigazzjoni ntemmet peress li ma żvelat l-ebda ċirkostanza li tali terminazzjoni ma kinitx se tkun fl-interess tal-Unjoni.

(219) L-investigazzjoni mwettqa fl-2010 ntemmet wara l-irtirar tal-ilment mill-ilmentaturi u l-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni li turi li t-terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni attwali hija differenti minn dik tal-2010: ma kien hemm l-ebda talba għall-irtirar, u l-investigazzjoni stabbiliet l-eżistenza ta' dumping u ta' dannu materjali u sabet li l-impożizzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

(220) Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' investigazzjoni għal dik l-investigazzjoni kien mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010, li huwa 13-il sena qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni attwali. L-interess ekonomiku u s-sitwazzjoni tal-atturi tas-suq tal-Unjoni ma jistgħux jitqabblu mas-sejbiet li saru mill-Kummissjoni f'dak iż-żmien, minħabba bidla ta' diversi fatturi ekonomiċi li jiddeterminaw id-dumping u d-dannu matul dawn is-snin.

(221) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-kobor tal-marġni tad-dumping, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (394) u (395) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(222) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Quimidroga sostna li l-Kummissjoni missha għamlitha ċara li l-analiżi dwar il-prezzijiet fit-Tabella 8 u fil-premessa (397) tar-Regolament proviżorju, li hija bbażata fuq it-TCPP, hija mqabbla mal-volumi tal-importazzjoni tat-TCPP u t-TEP, li għamlu s-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessa (397) tar-Regolament proviżorju qarrieqa.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Awwissu 2011 li ttemm il-proċediment ta' anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-fosfat tat-tris(2-kloro-1-metiletil) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ĠU L 205, 10.8.2011, p. 35.

(223) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tinnota li s-sejbiet ta' dumping, dannu u kawżalità, miġbura fil-qosor fir-Regolament proviżorju, kienu bbażati fuq id-data għall-prodott taħt imvestigazzjoni kollu kemm hu u mhux is-subsettijiet tiegħu (tipi ta' prodotti). Xejn f'dak ir-Regolament ma jissuġġerixxi mod ieħor. Ta' min jinnota li t-Tabella 8 u l-premessa (397) tar-Regolament proviżorju vvalutaw biss ix-xejra tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u ma pprovdewx analiżi tal-bejgħ tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Is-sejbiet li saru mill-Kummissjoni fil-premessa (397) tar-Regolament proviżorju rigward l-effett tax-xejra tal-prezzijiet Ċiniżi matul il-perjodu kkunsidrat fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mhumiex qarrieqa. Kif stabbilit fil-premessa (377) tar-Regolament proviżorju, għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjoni tat-TCPP u tat-TEP ma kinux l-istess, il-prezz taż-żewġ tipi ta' prodotti segwa l-istess xejra matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri wara żieda mill-2019 sal-PI, dawn naqsu drastikament. Għaldaqstant, l-affermazzjoni jkollha ma tintlaqax.

(224) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga argumenta li l-Kummissjoni missha qieset id-differenza fil-prezz bejn TCPP u TEP bħala fattur importanti u rilevanti fl-ambitu tal-prodott u fl-analiżi tal-kompetizzjoni u li l-Kummissjoni kellha twettaq analiżi xierqa tal-effetti fuq il-prezzijiet tal-prezzijiet tat-TEP biex tiżgura komparabbiltà xierqa tal-prezzijiet.

(225) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fil-premessa (377) tar-Regolament provviżorju li l-prezz tal-importazzjoni tat-TCPP kien aktar baxx mill-prezz tal-importazzjoni ta' TEP, iżda li l-prezz taż-żewġ tipi ta' prodotti segwa l-istess xejra, jiġifieri wrew żieda matul il-perjodu kkunsidrat. Sabiex twettaq tqabbil ġust tal-prezzijiet bejn il-prodott importat u l-prodott mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għamlet kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi tan-numru ta' kontroll tal-prodott ("PCN") li fih tqiesu dawn id-differenzi fil-prezzijiet.

(226) Il-fatt li teżisti differenza fil-prezz bejn iż-żewġ tipi ta' prodotti qatt ma ġie kkontestat. Kif stabbilit fil-premessi (39) u (46) tar-Regolament provviżorju, is-sostitwibbiltà bejn iż-żewġ tipi ta' prodotti minħabba d-differenza tagħhom fil-prezz hija fil-biċċa l-kbira mmitigata mill-fatt li huwa meħtieġ inqas TEP biex il-prodott finali jsir ritardant tal-fjammi bħal meta jintuża t-TCPP. Meta wieħed iqis li madwar 1,8 kg ta' TCPP huwa meħtieġ biex jissostitwixxi 1 kg ta' TEP, differenza fil-prezz ta' 60 % tagħmel li ż-żewġ tipi ta' prodotti jiġu pprezzati b'mod simili għall-utent finali f'kg ta' prodott downstream u nstabu li kienu f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin. B'dawn il-koeffiċjenti, li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet interessati, il-kost tat-TEP ikun saħansitra aktar baxx minn dak tat-TCPP fil-prodott finali.

(227) Barra minn hekk, l-użu tal-PCNs huwa eżattament biex jitqiesu dawn id-differenzi fil-prezzijiet bejn tipi differenti ta' prodotti. Filwaqt li l-analiżi tad-dannu u tal-kawżalità ssir fuq il-bażi ta' informazzjoni aggregata dwar l-importazzjonijiet u l-produzzjoni u l-bejgħ, il-kalkoli tad-dumping, tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz jiġġustifikaw rikonoxximent ta' varjazzjoni possibbli fil-prezzijiet fis-subsett tal-prodott investigat. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(228) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (396) sa (398) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.3.2. Il-kostijiet lavorattivi

(229) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (399) u (400) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.3.3. Stokkijiet

(230) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tal-istokkijiet, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (401) u (402) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.3.4. Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(231) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CPCIF argumenta li l-industrija tal-Unjoni baqgħet profittabbli matul il-perjodu kkunsidrat sal-2022, u dan juri industrija b'saħħitha. It-telf tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ma kienx ikkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda kien ir-riżultat ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tas-suq minħabba l-kostijiet tal-enerġija u tal-manodopera. Purinova sostna li t-telf fil-profittabbiltà kien konsegwenza tal-azzjoni naturali tal-forzi tas-suq u tad-deċiżjonijiet ekonomikament żbaljati mill-ilmentaturi, aktar milli minħabba l-importazzjonijiet Ċiniżi. Huwa argumenta wkoll li l-industrija tal-Unjoni ma adattatx għall-kundizzjonijiet tas-suq wara s-sitwazzjoni eċċezzjonali b'livelli ta' profitt straordinarjament għoljin fl-2021 u għalhekk tilfet il-kompetittività tagħha. Quimidroga indirizza wkoll dan it-tnaqqis qawwi fil-volum tal-produzzjoni billi ddikjara li naqas milli jifhem għaliex il-volumi tal-produzzjoni naqsu, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet għadha profittabbli fl-2022.

(232) L-ilmentaturi argumentaw li l-livelli ta' profittabbiltà kienu affettwati b'mod pożittiv minn kuntratti fit-tul li kienu jkopru parti sinifikanti tal-bejgħ tagħhom, li parzjalment ipproteġew lil uħud mill-produtturi tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping għal xi żmien.

(233) Il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni tabilħaqq laħqet marġni ta' profitt eċċezzjonalment għoli fl-2021. Madankollu, dan il-marġni malajr naqas fl-2022 u fil-PI, li rriżulta f'telf (-6 %). Dan ħabat ma' żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi ta' 32 punt perċentwali mill-2021 sal-PI bi prezzijiet ta' twaqqigħ fl-2022 u fil-PI. Minħabba din iż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkompeti u naqqset il-volum tal-produzzjoni tagħha bi 72 punt perċentwali matul il-perjodu mill-2021 sal-PI, u b'hekk naqqset bin-nofs is-sehem mis-suq tagħha. Dan juri li kien hemm korrelazzjoni ċara bejn il-volum akbar ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping miċ-Ċina u t-tnaqqis fil-bejgħ u l-profitti mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni tas-CPCIF u ta' Purinova kellha tiġi miċħuda.

(234) Skont Shekoy Europe, it-Tabella 11 tar-Regolament proviżorju wriet investimenti limitati ħafna mill-industrija tal-Unjoni, minkejja l-livelli għoljin ta' profittabbiltà fl-2021 u fl-2022. Dan wera li minkejja l-iżbilanċ bejn id-domanda u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni ma kinux qed jinvestu f'kapaċità jew proċessi ġodda.

(235) Il-livell ta' investimenti tabilħaqq instab li kien limitat matul il-perjodu kkunsidrat u kien prinċipalment relatat mal-manutenzjoni u mhux mal-espansjoni tal-produzzjoni. Dan kien dovut għall-preżenza fis-suq ta' importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping, li affettwaw b'mod sinifikanti l-użu tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li naqset b'39 punt perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat għal 30 % fil-PI. Biż-żieda fil-penetrazzjoni fis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tuża bis-sħiħ il-kapaċità tal-produzzjoni eżistenti tagħha, wisq inqas biex tespandi l-kapaċità tagħha. Għalhekk, l-affermazzjoni ta' Shekoy Europe kellha tiġi miċħuda.

(236) Quimidroga tenna l-affermazzjoni tiegħu li d-*data* dwar il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti tinkludi biss il-bejgħ tat-TCPP u argumenta li ċ-ċifra tal-profittabbiltà fit-Tabella 11 tar-Regolament proviżorju hija kkalkulata b'mod skorrett meta mqabbla mat-Tabella 8 ta' dak ir-Regolament.

(237) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni pproduċiet biss TCPP u sabet li l-industrija tat-TCPP tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf ta' -6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif muri fit-Tabella 11 tar-Regolament proviżorju. Din il-profittabbiltà hija kkalkulata fuq il-bażi tal-kost tal-oġġetti mibjugħa u ta' kostijiet oħra filwaqt li t-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju tqabbel il-prezzijiet medji tal-bejgħ mal-kost unitarju medju tal-produzzjoni. Konsegwentement, il-profittabbiltà murija fit-Tabella 11 ma tistax tiġi dedotta direttament mit-Tabella 8. Għalhekk, il-kumment ta' Quimidroga kellu jiġi miċħud.

(238) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga tenniet l-affermazzjoni tagħha li ż-żewġ tabelli għandhom ikunu rikonċiljabbli jekk tiġi eskluża kwalunkwe importazzjoni ta' TEP magħmula mill-industrija tal-Unjoni.

(239) Kif stabbilit fil-premessa (237) hawn fuq, il-metodoloġiji tal-kalkolu wara ż-żewġ tabelli huma differenti. Il-kost unitarju tal-produzzjoni jiġi kkalkulat b'mod differenti mill-kost tal-oġġetti mibjugħa u kostijiet oħra. Din hija r-raġuni għaliex l-affermazzjoni ta' Quimidroga hija żbaljata. L-ebda waħda mit-tabelli ma kienet tinkludi importazzjonijiet tal-prodott investigat. Kwalunkwe importazzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat ġiet ikkunsidrata fit-Tabella 3.

(240) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tal-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (403) sa (409) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(241) Quimidroga sostna li t-tqabbil tad-dannu sar fuq bażi inkonsistenti u asimetrika, peress li l-importazzjonijiet kienu jinkludu t-TEP u t-TCPP filwaqt li l-industrija tal-Unjoni pproduċiet biss it-TCPP.

(242) L-affermazzjoni ta' hawn fuq hija bbażata fundamentalment fuq il-premessa li t-TEP mhuwiex parti mill-ambitu tal-prodott. Peress li t-TEP huwa parti mill-prodott ikkonċernat, il-valutazzjoni tad-dannu kienet ibbażata kemm fuq l-importazzjonijiet tat-TEP kif ukoll tat-TCPP. Iż-żewġ tipi ta' prodotti kkompetew ma' xulxin fis-suq tal-Unjoni, minkejja l-fatt li l-industrija tal-Unjoni pproduċiet biss it-TCPP. Il-premessa (377) tar-Regolament proviżorju ċċarat li l-prezz taż-żewġ tipi ta' prodotti kien differenti, iżda li madankollu dawn segwew l-istess xejra fil-perjodu kkunsidrat. Id-differenza fil-prezz bejn iż-żewġ tipi ta' prodotti ma affettwat l-ebda wieħed mill-indikaturi tad-dannu ewlenin l-oħra u għalhekk il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (410) sa (418).

(243) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga sostna l-affermazzjoni tiegħu, bl-argument li l-Kummissjoni ma vvalutatx kif xieraq in-nuqqas ta' produzzjoni ta' TEP mill-industrija tal-Unjoni. Id-determinazzjoni tad-dannu għandha tkun valida biss għat-TCPP peress li l-industrija tal-Unjoni ma pprovdiet l-ebda *data* affidabbli, verifikabbli u oġġettiva dwar kif l-importazzjonijiet ta' TEP ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, speċjalment peress li l-industrija tal-Unjoni waqfet tipproduċi t-TEP 20 sena ilu.

(244) Quimidroga argumenta wkoll kontradizzjoni bejn il-premessi (207) u (223), fejn minn naħa, il-kalkoli tad-dumping, tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz saru għal kull tip ta' prodott u min-naħa l-oħra li s-sejbiet ta' dumping, dannu u kawżalità kienu bbażati fuq il-prodott investigat kollu kemm hu. Skont il-kumpanija, il-valutazzjoni tad-dannu, anki jekk titwettaq fuq bażi aggregata, teħtieġ input ta' data fir-rigward ta' kull tip ta' prodott, speċjalment minħabba li hemm biss żewġ tipi ta' prodotti.

(245) Peress li l-Kummissjoni ddeċidiet li ma teskludix it-TEP mill-ambitu tal-prodott, id-determinazzjoni tad-dannu, bħad-determinazzjoni tad-dumping, kienet ibbażata fuq il-prodott kollu kemm hu. Il-Kummissjoni sabet li ż-żewġ tipi ta' prodotti kienu f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin fil-maġġoranza tal-użi downstream u għalhekk, instab li ż-żewġ tipi ta' prodotti kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(246) Kif stabbilit fil-premessi (225) sa (227), il-kalkoli tad-dumping, tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz isiru fuq il-bażi tal-PCNs biex titqies varjazzjoni possibbli fil-prezzijiet bejn it-tipi ta' prodotti fis-subsett tal-prodott investigat. Min-naħa l-oħra, il-valutazzjoni tad-dannu tanalizza l-effett tal-importazzjonijiet kollha tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat, fejn differenzjazzjoni fil-prezz bejn it-tipi ta' prodott mhijiex fattur determinanti meta t-tipi differenti ta' prodotti jinstabu li huma f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Valutazzjoni

(247) Fis-sejbiet proviżorji tagħha, il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti potenzjali tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping. Minbarra l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, dawn il-fatturi kienu: importazzjonijiet minn pajjiżi terzi; il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni; il-kostijiet tal-investiment tal-industrija tal-Unjoni; il-konsum u l-effett iddikjarat ta' riekwilibriju tas-suq; iż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija kif ukoll l-inflazzjoni fl-Unjoni; u n-nuqqas ta' sostitwibbiltà bejn it-TCPP u t-TEP. Madankollu, l-effett ta' dawn il-fatturi l-oħra fuq id-dannu tal-industrija tal-Unjoni nstab li kien limitat biss, jekk kien hemm, u ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li nstab.

5.2. **Kummenti tal-partijiet interessati wara l-miżuri proviżorji.**

(248) Quimidroga sostna li l-analiżi dwar ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni hija serjament żbaljata, minħabba l-inklużjoni tat-TEP fl-analiżi.

(249) Wara d-divulgazzjoni minn qabel, ProChema afferma li t-TEP ma setax ikkawża dannu minħabba li l-ilmentaturi jixtru t-TEP huma stess mingħand importaturi tal-Unjoni jew direttament mingħand produtturi esportaturi Ċiniżi, it-TEP ma tqegħidx fis-suq Ewropew bi prezz aktar baxx mill-valur tal-kost tiegħu, u l-prezz tat-TEP kien dejjem ferm ogħla minn dak tat-TCPP, anke meta mqabbel mal-prezzijiet tat-TCPP tal-ilmentaturi offruti fuq is-suq Ewropew. Għalhekk, it-TEP ma setax ikun oġġett ta' dumping jew dak li kkawża dannu lis-suq tal-Unjoni.

(250) L-affermazzjonijiet li jinsabu iktar 'il fuq ma kinux sostanzjati b'evidenza. Barra minn hekk, huma bbażati fuq il-premessa li t-TEP ma għandux ikun parti mill-ambitu tal-prodott.

(251) Kif stabbilit fil-premessa (57), it-TEP huwa parti mill-ambitu tal-prodott u l-inklużjoni tiegħu fil-valutazzjoni hija għalhekk ġustifikata. L-investigazzjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni kisbet biss volumi limitati ta' TEP, inqas minn 5 % tal-konsum tal-Unjoni ta' APE, li ma setax jikkawżalhom dannu. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-premessa (205) li l-prezz tat-TEP kien ogħla mill-prezz tat-TCPP, iżda kif instab fil-premessa (46) tar-Regolament proviżorju, huwa meħtieġ ammont żgħir ta' TEP biex jissostitwixxi t-TCPP, li jikkumpensa parzjalment għall-kost ogħla tal-produzzjoni u jpatti għad-differenza fil-prezz tat-TEP.

(252) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CFCIP tenniet l-affermazzjoni tagħha li jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbet xi dannu, dan kien ir-riżultat ta' fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet miċ-Ċina, inkluż iżda mhux limitat għar-ritorn għal kundizzjonijiet tas-suq "normali", żieda fil-kostijiet tal-materja prima, prezzijiet ogħla tal-enerġija, l-eżistenza ta' inflazzjoni għolja u l-kost lavorattiv. Barra minn hekk, Quimidroga argumenta li r-rapport annwali ta' tnejn mill-ilmentaturi rrefera għal fatturi oħra li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-kumpanija, bħas-sitwazzjoni ekonomika fl-Unjoni, is-sitwazzjoni ġeopolitika f'diversi reġjuni ġirien tal-Ewropa, id-domanda dgħajfa, il-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju, u sospensjoni tad-dazju.

(253) Il-Kummissjoni vvalutat il-fatturi l-oħra kollha magħrufa li setgħu kkawżaw dannu skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku u kif indikat fil-premessa (247). Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni proviżorja ma ġabux elementi jew evidenza sostanzjali ġdida li kienet tinvalida l-konklużjoni stabbilita fir-Regolament proviżorju. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (419) sa (448).

(254) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Quimidroga u CFCIP tennew l-affermazzjoni tagħhom. Is-CFCIP argumentat li l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni biss mill-2022 minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali tas-suq li l-industrija tal-Unjoni sabet ruħha fiha, b'kostijiet għoljin tal-enerġija, tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ġenerali, u inflazzjoni għolja kkawżata mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, filwaqt li l-produtturi Ċiniżi ma kinux affettwati minn dawk il-fatturi.

(255) Fil-premessi (424) sa (448) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni vvalutat fatturi oħra li setgħu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, fosthom iż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija u l-inflazzjoni fl-Unjoni. Madankollu, hija ma sabitx li xi wieħed minn dawn il-fatturi naqqsu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Is-CFCIP ma pprovdiet l-ebda evidenza ulterjuri biex tappoġġa l-affermazzjoni tagħha u l-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(256) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Quimidroga sostna li s-sospensjoni tad-dazju għall-kodiċijiet NM li taħthom il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni setgħet aggravat is-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni, minħabba li d-dazju doganali komuni applikabbli qabel ġie sospiż, u l-prodott ikkonċernat jidħol fl-Unjoni mingħajr dazju.

(257) Il-Kummissjoni analizzat din l-affermazzjoni. Instab li s-sospensjoni tad-dazju seta' kellha biss effett marġinali fuq id-dannu tal-produtturi tal-Unjoni, peress li d-dazju doganali komuni fuq il-prodott ikkonċernat kien ta' 6,5 %. Fid-dawl ta' livell medju ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 34,6 %, instab li s-sospensjoni tad-dazju ma tnaqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li nstab. Għaldaqstant, din il-pretensjoni kellha tiġi rifjutata.

(258) Wara d-divulgazzjoni, is-CFCIP tenniet l-affermazzjoni tagħha li hemm nuqqas ta' sostitwibbiltà bejn it-TCPP u t-TEP. Hija tenniet li dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti mhumiex simili u ma jistgħux jintużaw b'mod interkambjabbli. Peress li l-industrija tal-Unjoni qed tipproduċi biss TCPP, l-importazzjonijiet tat-TEP ma setgħux ikkawżaw dannu.

(259) Peress li s-CFCIP ma ssostanzjatx aktar din l-affermazzjoni u ma pprovdietx evidenza li tista' tinvalida s-sejbiet li saru fil-premessa (445) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni u kkonfermat is-sejba tagħha fil-premessa (445).

(260) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CFCIP tenniet din l-affermazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma tipproduċix TEP, u li t-TEP importat miċ-Ċina mhux qed jikkompeti direttament mat-TCPP mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fl-istess suq. Barra minn hekk, it-TEP huwa 60 % aktar għali mit-TCPP u għalhekk ma seta' jikkawża l-ebda dannu lill-industrija tal-Unjoni li tipproduċi u tbigħ biss TCPP.

(261) Kif iddikjarat fil-premessa (259), il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-affermazzjoni. Iż-żewġ tipi ta' prodotti nstabu li kienu sostitwibbli u jikkompetu ma' xulxin fl-aktar użi finali importanti, li huma l-fowms riġidi. Kif spjegat fil-premessa (46) tar-Regolament proviżorju, huwa meħtieġ ammont iżgħar ta' TEP biex it-TCPP jiġi sostitwit biex iwettaq l-istess ritardività tal-fjammi, li jista' jikkumpensa parzjalment għall-prezz tat-TEP. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(262) Il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi minn (419) sa (448) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

6.1. **Marġni tad-dannu**

(263) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Quimidroga argumenta li l-marġni tad-dannu ġie kkalkulat ħażin u ġie minfuħ b'mod sinifikanti. Biex jissostanzja l-affermazzjoni tiegħu, Quimidroga pprovda kalkolu alternattiv tal-marġni tad-dannu. Madankollu, il-kalkolu li Quimidroga pprovda kien ibbażat fuq prezz CIF żbaljat. Il-kalkolu tal-marġni tad-dannu mħejji mill-Kummissjoni min-naħa l-oħra uża data korretta. Il-kalkolu u l-metodoloġija użata għal dan il-kalkolu ġew żvelati lill-partijiet interessati kollha, inkluża Quimidroga, u ma ġew ikkontestati mill-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(264) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Anhui RunYue argumenta li r-Regolament proviżorju ma pprovda l-ebda evidenza li xi wieħed mill-produtturi tal-Unjoni kien impenja ruħu għal investimenti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u għalhekk l-aġġustament li sar skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku kien spekulattiv u jenħtieġ li jiġi vverifikat fil-futur. Jekk investiment bħal dan ma jseħħx, il-Kummissjoni għandha tnaqqas id-dazji anti-dumping kif xieraq.

(265) Barra minn hekk, Anhui RunYue afferma li peress li ċ-Ċina nediet l-iskema tagħha stess għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju fl-2017, il-produtturi Ċiniżi għandhom ukoll kostijiet futuri relatati mal-emissjonijiet tal-karbonju li huma riflessi fil-prezz tal-esportazzjoni tagħhom. Għal tqabbil ġust, iż-żieda tal-kostijiet futuri tal-emissjonijiet jenħtieġ li ssir ukoll fuq il-prezz tal-esportazzjoni Ċiniż.

(266) Il-Kummissjoni ma qisitx l-aġġustament għall-kostijiet ambjentali futuri bħala spekulattiv. L-uniku ilmentatur li ddikjara dan l-aġġustament ipprovda evidenza sostantiva li wriet il-kostijiet attwali taċ-ċertifikati tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Abbażi tad-*data* disponibbli għall-pubbliku, sar kalkolu għall-kostijiet ta' dawn iċ-ċertifikati għall-ħames snin li ġejjin.

(267) Anhui RunYue ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-kostijiet tiegħu relatati mal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta jekk din il-kumpanija fil-fatt ġarrbitx tali kostijiet u t-talba kellha tiġi miċħuda.

(268) L-ilmentaturi tennew in-nuqqas ta' qbil tagħhom mad-determinazzjoni mill-Kummissjoni tal-profitt fil-mira, li ġie stabbilit għal 6 % skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(269) Il-Kummissjoni sabet li għalkemm l-ilmentaturi pproponew għadd ta' metodoloġiji biex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira, kif stabbilit fil-premessi minn (455) sa (463) tar-Regolament proviżorju, abbażi tad-*data* disponibbli lill-Kummissjoni, l-ebda waħda minn dawn il-metodoloġiji ma tirriżulta fil-livell ta' profittabbiltà mistenni fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping. Is-suq tal-Unjoni kien affettwat mill-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping diġà qabel il-bidu tal-perjodu kkunsidrat u ma setax jilħaq il-livell minimu ta' 6 %, stabbilit mill-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, huma argumentaw li wieħed mill-ilmentaturi kien parzjalment protett mill-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping matul l-aħħar 10 snin minħabba kuntratt fit-tul li kellu ma' utent kbir.

(270) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-profitt ta' wieħed biss mit-tliet ilmentaturi li kien parzjalment protett mill-prattika kummerċjali distorsiva tal-produtturi esportaturi Ċiniżi ma setax jitqies bħala rappreżentattiv tal-profitt tal-industrija tal-Unjoni mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Għalhekk, il-profitt bażiku ġie stabbilit għal 6 %.

(271) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan argumenta li t-TCPP mibjugħ mill-ilmentaturi jitqabbel mat-TCPP u t-TEP importati miċ-Ċina li jivvizzja l-analiżi tad-dannu u tal-kawżalità. Fil-kalkolu tal-marġni tad-dannu, li jqabbel il-prezz tal-importazzjonijiet għal kull tip, jiġifieri TCPP jew TEP, mal-prezz fil-mira tal-bejgħ tal-ilmentaturi għal kull tip, jiġifieri TCPP, l-importazzjonijiet kollha ta' TEP huma effettivament injorati meta jiġi kkalkulat il-marġni tad-dannu. Kingspan sostna li s-suq tat-TEP huwa separat mis-suq tat-TCPP bi prezzijiet differenti b'mod sinifikanti u għalhekk il-livell tad-dazju għat-TEP huwa bbażat fuq fatti li mhumiex relatati mas-suq tat-TEP.

(272) L-ewwel nett, il-livell tad-dazju impost huwa bbażat fuq il-marġni tad-dumping, li qabbel il-bejgħ tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni taż-żewġ tipi ta' prodotti b'valur normali maħdum għaż-żewġ tipi ta' prodotti.

(273) It-tieni, skont il-prattika normali, il-kalkolu tal-marġni tad-dannu jsir fuq bażi ta' kull PCN, jiġifieri jitqabblu t-tipi ta' prodotti differenti prodotti kemm mill-produtturi esportaturi kif ukoll mill-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, peress li l-industrija tal-Unjoni ma pproduċietx it-TEP, il-kalkolu tal-marġni tad-dannu qabbel il-bejgħ tat-TCPP mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tat-TCPP. Għalhekk, għall-kuntrarju tal-allegazzjoni minn Kingspan, il-Kummissjoni ma qabblitx l-importazzjonijiet tat-TEP mat-TCPP. Dan it-tqabbil irriżulta fi tqabbil sostanzjali ħafna ta' madwar 85 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat mal-prodotti korrispondenti min-naħa tal-Unjoni. Jekk l-argument imressaq minn Kingspan huwa li għandu jkun hemm segmentazzjoni fl-analiżi, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li tiġġustifika analiżi separata taż-żewġ tipi ta' prodotti fil-fajl ta' tali segmentazzjoni tas-suq bejn it-TEP u t-TCPP. Għall-kuntrarju, kif spjegat fil-premessa (445) tar-Regolament proviżorju, it-TEP u t-TCPP jikkondividu karatteristiċi fiżiċi u kimiċi essenzjali simili u huma interkambjabbli għal applikazzjonijiet ta' fowms riġidi li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-konsum totali tal-Unjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(274) Kif previst mill-Artikolu 9(4), it-tielet subparagafu, tar-Regolament bażiku, u minħabba li l-Kummissjoni ma rreġistratx l-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni, hija analizzat l-iżvilupp tal-volumi tal-importazzjoni biex tistabbilixxi jekk kienx hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet soġġetti għall-investigazzjoni matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni deskritt fil-premessa (4) u, għalhekk, jekk din tirriflettix id-dannu addizzjonali li jirriżulta minn tali żieda fid-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu.

(275) Abbażi tad-*data* mill-bażi tad-*data* Surveillance ([19]), il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu ta' erba' ġimgħat tad-divulgazzjoni minn qabel kienu 78 % ogħla mill-volumi medji tal-importazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni fuq bażi ta' erba' ġimgħat. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet soġġetti għall-investigazzjoni matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni.

([19]) Il-bażi tad-*data* Surveillance hija għodda statistika mmaniġġata mid-Direttorat Ġenerali TAXUD tal-Kummissjoni Ewropea. Din tipprovdi informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni u importazzjoni tal-UE (jekk ikunu ddikjarati għad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera), fil-livell TARIC fuq bażi ta' kuljum.

(276) Biex jiġi rifless id-dannu addizzjonali kkawżat miż-żieda fl-importazzjonijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li taġġusta l-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu abbażi taż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet, li hija meqjusa bħala l-fattur ta' ponderazzjoni rilevanti abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4). Għalhekk ikkalkulat fattur multiplikanti stabbilit bid-diviżjoni tas-somma tal-volum tal-importazzjonijiet matul l-erba' ġimgħat tal-perjodu tad-divulgazzjoni preliminari u t-52 ġimgħa tal-PI bil-volum tal-importazzjonijiet waqt il-PI estrapolat għal 56 ġimgħa. Iċ-ċifra li tirriżulta, 1,056, tirrifletti d-dannu addizzjonali kkawżat miż-żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari ta' erba' ġimgħat. Għalhekk, il-marġnijiet proviżorji tad-dannu ġew immultiplikati b'dan il-fattur.

(277) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (449) sa (470) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

(278) Kif deskritt fil-premessi minn (274) sa (276), il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dannu. Għalhekk, il-livell finali ta' eliminazzjoni tad-dannu għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha huwa kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dannu definittiv
Anhui RunYue Technology Co., Ltd.	69,1 %
Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Limited Liability Co.	78,4 %
Shandong Yarong Chemical Co., Ltd.	79,0 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun elenkati fl-Anness	76,2 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	79,0 %

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(279) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-dazji anti-dumping definittivi jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
Anhui RunYue Technology Co., Ltd.	53,1 %
Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Limited Liability Co.	68,4 %
Shandong Yarong Chemical Co., Ltd.	63,0 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun elenkati fl-Anness	61,3 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	69,1 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(280) Is-CPCIF argumentat li ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping se jkollha effett pożittiv fuq l-industrija tal-Unjoni.

(281) L-affermazzjoni magħmula minn CPCIF ma kinitx sostanzjata u għalhekk tiġi miċħuda.

(282) Wara d-divulgazzjoni definittiva, CPCIF tenniet il-kumment tagħha li jenfasizza li l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni mhijiex biżżejjed biex tissodisfa d-domanda kollha tal-Unjoni għall-prodott ikkonċernat u li jkun fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi.

(283) Kif stabbilit fil-premessa (499) tar-Regolament provviżorju, l-importazzjonijiet miċ-Ċina jibqgħu sors meħtieġ ta' importazzjonijiet. Il-miżuri anti-dumping mhumiex maħsuba biex jipprojbixxu l-importazzjonijiet, iżda biex jistabbilixxu mill-ġdid kundizzjonijiet ġusti tal-kummerċ u l-kompetizzjoni. Sabiex tiġi ġġustifikata s-sigurtà tal-provvista, il-produzzjoni fl-Unjoni trid tibqa' preżenti. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(284) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentaturi ddikjaraw li l-miżuri anti-dumping jibbilanċjaw mill-ġdid il-kundizzjonijiet tas-suq u l-atturi tas-suq diżabbli milli jibbenefikaw minn prattika kummerċjali inġusta għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li tiżgura s-sigurtà tal-provvista lill-utenti.

7.2. **L-interess ta' importaturi, negozjanti u utenti mhux relatati**

(285) Wara d-divulgazzjoni minn qabel, Impag AG affermat in-nuqqas ta' sigurtà tal-provvista u l-inabbiltà ġenerali tal-industrija tal-Unjoni biex tissodisfa d-domanda domestika tal-Unjoni, li ġiegħlet lill-utenti jimportaw bi prezzijiet ogħla jekk jiġu imposti dazji anti-dumping. Dan ġie mtenni minn Quimidroga wara d-divulgazzjoni proviżorja, fejn żiedet tgħid li l-industrija tal-Unjoni ma pprovdietx TEP u ma wriet l-ebda evidenza li kienet se terġa' tibda l-produzzjoni tat-TEP. Il-miżuri anti-dumping għalhekk jaffettwaw ukoll lill-utenti downstream tat-TEP fl-applikazzjonijiet l-oħra tagħha. Purinova, is-CPCIF u Systemhouse żiedu li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni staġnat u ma tistax tissodisfa d-domanda attwali u li qed tiżdied fil-futur. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda produzzjoni ta' TEP barra miċ-Ċina u, kif intqal iktar 'il fuq, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-industrija tal-Unjoni se tibda tipproduċi t-TEP. Għalhekk, id-dazji jinħassu biss mis-suq downstream.

(286) L-ilmentaturi argumentaw li minħabba l-pressjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping, huma naqqsu r-rati tal-użu tal-kapaċità tagħhom għal livelli minimi għalkemm il-kapaċità installata tagħhom ma tnaqqsitx. Dan ifisser li fin-nuqqas ta' importazzjonijiet Ċiniżi li huma oġġett ta' dumping, l-ilmentaturi jkunu jistgħu jerġgħu jżidu malajr il-volumi tal-produzzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, huma rrikonoxxew li l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni mhijiex biżżejjed biex tissodisfa d-domanda kollha tal-Unjoni għall-APE.

(287) Huwa ċar li, tal-inqas fil-futur qarib, l-importazzjonijiet miċ-Ċina jibqgħu sors neċessarju għall-utenti tal-prodott taħt investigazzjoni. Kif spjegat fil-premessa (499) tar-Regolament proviżorju, il-pressjoni tal-importazzjonijiet miċ-Ċina li huma oġġett ta' dumping tirriskja li ġġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tkompli tnaqqas jew twaqqaf kompletament il-produzzjoni fl-Unjoni, li jirriżulta f'saħansitra inqas sigurtà tal-provvista. Barra minn hekk, l-għan tad-dazju anti-dumping mhuwiex li jwaqqaf l-importazzjonijiet tal-APE miċ-Ċina iżda li jelimina l-effetti ta' distorsjoni tal-kummerċ ta' prattika kummerċjali inġusta, jiġifieri dumping dannuż, u b'hekk li jiġu restawrati kundizzjonijiet ġusti ta' kummerċ u kompetizzjoni. Dumping preċiż u l-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz ikkalibraw il-miżuri biex jinkiseb dak l-għan preċiż. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ta' Quimidroga, Purinova, CPCIF u Systemhouse ġew miċħuda.

(288) Quimidroga tenniet l-affermazzjonijiet tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva u sostniet li l-kundizzjonijiet għall-konklużjoni li l-miżuri definittivi ma kinux kontra l-interess tal-Unjoni ma ġewx issodisfati, minħabba li l-Kummissjoni ma indirizzatx il-kwistjoni ta' kif l-industrija tal-Unjoni se tissodisfa d-domanda tat-TEP peress li f'20 sena ma nedietx mill-ġdid il-produzzjoni tat-TEP u xejn ma wriet li se terġa' tibda l-produzzjoni.

(289) Kif stabbilit fil-premessa (287), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina se jibqgħu sors meħtieġ. Madankollu, li l-industrija tal-Unjoni mhijiex f'pożizzjoni li tkun tista' tipprovdi direttament il-konsum sħiħ tal-Unjoni ma jbiddilx il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni kif stabbilit hawn fuq. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(290) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Purinova ddikjara li s-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni ffukaw biss fuq l-interess tal-industrija tal-Unjoni mingħajr ma vvalutaw l-interessi ta' parteċipanti oħra fis-suq, filwaqt li l-miżuri anti-dumping ikollhom impatt sproporzjonat fuq l-utenti u l-konsumaturi. Barra minn hekk, is-CPCIF argumentat li l-importaturi u l-utenti kollha li ppreżentaw ruħhom b'mod unanimu opponew l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping, minħabba li dawn ikunu għad-detriment tas-suq downstream u l-biċċa l-kbira tal-utenti ma jkunux jistgħu jassorbu l-kost tal-miżuri.

(291) Purinova rraġuna li filwaqt li l-prodott taħt investigazzjoni kien jikkostitwixxi biss sehem baxx fil-profitti tal-ilmentaturi, b'referenza għall-premessa (409) tar-Regolament proviżorju, id-dħul minn oġġetti prodotti bl-użu tal-APE kien jikkostitwixxi parti sinifikanti mill-introjtu totali għan-negozjanti u għall-utenti. L-utent Systemhouse nnota li l-valutazzjoni tal-interess fuq l-utenti kienet ibbażata biss fuq il-kummenti pprovduti mill-utenti li kkooperaw.

(292) Purinova argumenta li l-kost totali tal-APE fil-kost finali tal-prodott finali jiddependi fuq l-ispeċifiċitajiet u t-tekniki tal-produzzjoni użati għall-prodott finali inkwistjoni, iżda bħala medja jaqbeż il-persentaġġ mogħti fil-premessa (489) tar-Regolament proviżorju. Systemhouse indika li ż-żieda fil-kostijiet tal-prodotti finali tiegħu tammonta għal 5-10 %. Skont Systemhouse, appoġġat minn Rytm-L Sp. z o.o., minħabba l-miżuri proviżorji imposti, diġà qed tiġi osservata żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni ta' fowms riġidi u sabiex jinżamm il-marġni ta' profitt attwali fuq il-prodotti finali, il-kostijiet iridu jiġu mgħoddija lill-utenti finali tal-prodotti finali. Systemhouse indika li r-Regolament proviżorju ma evalwax iż-żieda fil-kost tal-prodotti intermedji downstream.

(293) L-ilmentaturi wieġbu għal din l-affermazzjoni billi argumentaw li l-utenti kollha ddikjaraw li ż-żieda fil-kost tal-prodott finali tiddependi fuq l-ispeċifiċitajiet tal-prodott inkwistjoni u għalhekk jenħtieġ li d-data mhux ivverifikata pprovduta mill-utenti ma tiġix ikkunsidrata għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

(294) Għall-valutazzjoni tagħha dwar l-impatt tal-miżuri anti-dumping fuq il-partijiet differenti, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq is-sottomissjonijiet mill-partijiet li pprovdew l-informazzjoni speċifika għall-kumpanija/għan-negozju biex tivvaluta dan l-impatt bl-aktar mod preċiż. Il-Kummissjoni nnotat li l-importaturi u l-utenti kollha opponew l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping. Biex tagħmel valutazzjoni ġusta, il-Kummissjoni analizzat is-sottomissjoni mill-partijiet kollha. Is-sottomissjonijiet tal-utenti li kkooperaw ma wrewx li l-impatt tad-dazji anti-dumping fuq l-importaturi u l-utenti kapaċi jkun sinifikanti. Dan ġie kkonfermat ukoll miż-żjarat ta' verifika li saru għand importatur kbir u utent kbir. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(295) Purinova u Impag AG argumentaw li l-miżuri anti-dumping inaqqsu l-kompetittività tas-sistemi PUR meta mqabbla ma' sistemi oħra ta' iżolament termali, minkejja l-vantaġġi tagħha fil-proprjetajiet tal-iżolament termali. Skont is-CPCIF, Purinova u Shekoy Europe, il-Kummissjoni naqset milli tissostanzja l-konklużjoni tagħha li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tippermetti lill-Unjoni tilħaq l-objettivi tagħha għall-iżolament u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u affermat li l-miżuri anti-dumping inaqqsu r-ritmu biss tal-isforzi tal-Unjoni biex tiddekarbonizza l-istokk tal-bini tal-Unjoni peress li l-utenti x'aktarx jużaw l-APE inqas jew jużaw prodotti oħra inqas effiċjenti fil-karbonju għal proġetti ta' kostruzzjoni fl-Unjoni.

(296) Fil-premessa (503) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma jkollhom l-ebda impatt sinifikanti fuq l-objettivi tal-Unjoni għall-iżolament u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dan huwa dovut għall-kost relattivament limitat li l-APE jirrappreżentaw fil-produzzjoni ta' materjali tal-iżolament. Il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza li din il-konklużjoni kienet żbaljata u għalhekk l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(297) Shekoy Europe u Quimidroga sostnew ukoll li l-objettivi tas-sospensjoni tad-dazju doganali komuni fuq it-TCPP u t-TEP jiġu mminati bl-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping.

(298) L-għan tal-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping huwa li jiġu restawrati kundizzjonijiet ġusti ta' kummerċ u kompetizzjoni. L-eżistenza ta' sospensjoni tariffarja fuq parti mill-prodott ikkonċernat ma tistax titqies bħala raġuni biex ma jerġax ikun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(299) Skont Systemhouse, il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-fatt li l-produtturi f'pajjiżi terzi setgħu jipproduċu l-istess prodotti finali bħall-utenti tal-Unjoni b'kost mingħajr id-dazji anti-dumping. Għalhekk, l-interessi tal-industrija tal-utenti, b'mod partikolari l-produtturi tal-Unjoni tal-prodotti tal-poliol downstream, huma mminati mill-miżuri anti-dumping.

(300) Il-Kummissjoni sabet li l-miżuri anti-dumping huma maħsubin biex jerġgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ġusti ta' kummerċ u kompetizzjoni. Ir-riskju li l-prodotti downstream li fihom il-prodott taħt investigazzjoni jista' jiġi sostitwit bi prodotti downstream oħrajn ma jistax ikun raġuni biex ma jiġux irrestawrati l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq upstream tal-Unjoni għall-APE billi jindirizza s-sitwazzjoni ta' dumping dannuż, b'mod partikolari meta l-effett negattiv tad-dazji anti-dumping fuq l-utenti jitqies li huwa relattivament limitat.

(301) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Kingspan argumenta li l-miżuri fuq it-TEP huma kontra l-interess tal-Unjoni, minħabba li l-impożizzjoni ta' dazji fuq it-TEP taffettwa diversi utenti b'mod negattiv ħafna, speċjalment fl-applikazzjonijiet li fihom is-sostituzzjoni bejn it-TCPP u t-TEP mhijiex possibbli, filwaqt li l-miżuri ma jipproteġu l-ebda produttur tal-Unjoni u jistgħu jfixklu bla bżonn it-tranżizzjoni tal-industrija tal-fowm lejn prodotti mingħajr aloġenu li għall-kuntrarju tat-TCPP mhumiex assoċjati ma' riskji possibbli għas-saħħa. Skont Kingspan, il-konstatazzjoni fil-premessa (294) tinjora l-ħin u l-kostijiet assoċjati mar-riformulazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u l-investiment (nefqa kapitali) li se jitħallsu mill-utenti li jistgħu jfittxu modi biex inaqqsu l-użu u l-kostijiet korrispondenti tar-ritardanti tal-fjammi.

(302) Fil-premessa (502) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-miżuri x'aktarx iżidu l-kostijiet tal-produzzjoni tal-utenti iżda li fuq terminu medju/twil, is-sigurtà tal-provvista mtejba tal-Unjoni x'aktarx li tkun ta' benefiċċju wkoll għall-utenti. L-ebda utent tat-TEP f'applikazzjonijiet fejn is-sostitwibbiltà bit-TCPP ma kinitx possibbli, ma ppreżenta ruħu fl-investigazzjoni u għalhekk kwalunkwe effett negattiv fuq dawk l-utenti ma setax jiġi vvalutat. Madankollu, l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat fuq l-utenti li kkooperaw instabu li kienu relattivament limitati, minħabba l-ammont limitat tal-prodott ikkonċernat fil-prodotti finali.

(303) Bl-impożizzjoni ta' dazju fuq it-TCPP u t-TEP, il-Kummissjoni ma tostakola l-ebda tranżizzjoni possibbli mit-TCPP għal prodotti mingħajr aloġenu, bħat-TEP. Peress li l-investigazzjoni sabet dumping dannuż kemm tat-TCPP kif ukoll tat-TEP, jenħtieġ li jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ġusti tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe riskju għas-saħħa pubblika relatat mat-TCPP instab li ma kienx deċiżiv. Skont l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, għadha ma ġiet proposta l-ebda klassifikazzjoni għall-karċinoġeniċità. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

7.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(304) Il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (504) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

8.1. **Miżuri definittivi**

(305) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(306) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Anhui RunYue Technology Co., Ltd.	53,1	69,1	53,1
Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Limited Liability Co.	68,4	78,4	68,4
Shandong Yarong Chemical Co., Ltd.	63,0	79,0	63,0
Kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun elenkati fl-Anness	61,3	76,2	61,3
Il-kumpaniji l-oħra kollha	68,4	79,0	68,4

(307) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Għalhekk dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(308) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([20]). It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(309) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpanniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(310) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(311) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex din issir. Din l-investigazzjoni tista' teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(312) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(313) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet.

(314) Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li:

(a) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI;

(b) ma huwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; kif ukoll

(c) esporta l-prodott ikkonċernat minn hemm 'il quddiem jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

([20]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussels, Belgium.

8.2. **Il-ġbir definittiv tad-dazji provviżorji**

(315) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping provviżorji, imposti bir-Regolament provviżorju, jenħtieġ li jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(316) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(317) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil ibbażati esklużivament fuq ktajjen laterali b'tul ta' żewġ jew tliet atomi tal-karbonju (inkluż ukoll ktajjen tal-alkil klorurat) u b'kontenut ta' fosforu ta' mill-inqas 9 % (skont il-piż) u b'viskożità ta' bejn 1 u 100 mPa s (f'temperatura ta' 20-25°C) li jaqgħu taħt in-numri tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi ("CAS", Chemical Abstracts Service) 13674-84-5, 1244733-77-4 u 78-40-0, ikklassifikati bħalissa taħt il-kodiċi NM ex 2919 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 2919 90 00 50 u 2919 90 00 65) u l-kodiċi NM ex 3824 99 92 (il-kodiċi TARIC 3824 99 92 38) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv %	Kodiċi addizzjonali TARIC
Anhui RunYue Technology Co., Ltd.	53,1	89AL
Nantong Jiangshan Agrochemical & Chemicals Limited Liability Co.	68,4	89AM
Shandong Yarong Chemical Co., Ltd.	63,0	89AN
Kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun elenkati fl-Anness	61,3	
Il-kumpaniji l-oħra kollha	68,4	8 999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 2 għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "*Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(kwantità) ta' esteri tal-fosfat tal-alkil mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew immanifatturati minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta.*" Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

([21]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1064 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

L-Anness imsemmi fl-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023);

(b) ma huwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; kif ukoll

(c) li effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkooperaw imma mhux inklużi fil-kampjun:

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Fujian Wynca Technology Co., Ltd.	89AP
Futong Chemical Co., Ltd.	89AQ
Hebei Zhenxing Chemical and Rubber Co., Ltd.	89AR
Jiangsu Yoke Technology Co., Ltd.	89AS
Jilin Yonglin Chemical Co., Ltd.	89AT
Ningguo Long Day Chemical Co., Ltd	89AU
Shanghai Iroyal Chemical Co., Ltd.	89AV
Xinji Hongzheng Chemical Industry Co., Ltd.	89AW
Xuancheng City Trooyawn Refined Chemical Industry Co., Ltd.	89AX
Yangzhou Chenhua New Material Co., Ltd.	89AY
Zhejiang Wansheng Co., Ltd.	89AO